



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.2.2025
COM(2025) 79 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**


Pjan ta' Azzjoni għal Enerġija Affordabbli

**Nisfruttaw il-valur reali tal-Unjoni tal-Enerġija tagħna biex niżguraw enerġija
affordabbli, effiċjenti u nadifa għall Ewropej kollha**

1. INTRODUZZJONI

Is-suq tal-enerġija tagħna jsostni lill-ekonomija tagħna, jappoġġa s-soċjetà tagħna u jgħaqqad il-komunitajiet tagħna. Flimkien, bnejna grilji reżiljenti, iddiżakkoppjajna t-tkabbir ekonomiku tagħna mill-emissjonijiet tagħna ta' gassijiet serra, naqqasna d-dipendenzi tagħna u urejna tmexxija fit-tranżizzjoni globali tal-enerġija. L-UE mmaniġġjat il-kriżi enerġetika reċenti bis-saħħa tal-varar rapidu tal-enerġija nadifa, id-diversifikazzjoni tal-provvista, id-disponibbiltà ta' interkonnessjonijiet tal-enerġija kritiċi għas-sigurtà tagħha u s-solidarjetà murija madwar l-Istati Membri.

Madankollu, hemm **ħtieġa ċara u urġenti li nsaħħu l-Unjoni tal-Enerġija tagħna**. Il-kostijiet għoljin tal-enerġija qed jagħmlu ħsara liċ-**ċittadini** tagħna: il-faqar enerġetiku jaffettwa aktar minn 46 miljun Ewropej, b'impatt sproporzjonat fuq il-gruppi vulnerabbli.¹ Għall-**industriji**, il-prezzijiet tal-elettriku bl-imnut kważi rduppjaw: għal konsumatur industrijali ta' daqs medju, il-prezzijiet fl-2023 baqgħu 97 % ogħla mill-medja tagħhom tal-2014-2020.² Id-**distakk fil-prezzijiet tal-enerġija** bejn l-UE u l-kompetituri ewlenin tagħna qed jikber,³ bir-riskju li investimenti ġodda jiffavorixxu pajjiżi barra mill-Ewropa u li l-industriji eżistenti jirrilokaw, u dan iwassal għal telf potenzjali ta' industriji kritiċi li jixprunaw l-ekonomija u r-reżiljenza tal-UE u joħolqu impjiegi ta' kwalità.⁴ Is-sitwazzjoni attwali ddgħajf il-**pożizzjoni globali** u l-**kompetittività** internazzjonali tal-UE.⁵



Illustrazzjoni 1. Proporzjonijiet tal-prezzijiet tal-elettriku industrijali bl-imnut fis-swieq globali (*Stimi tal-Kummissjoni Ewropea*)

¹ Bażi tad-data tal-Eurostat (*Kodiċi tad-data online: ilc_mdcs01*)

² [Study on energy prices and costs – Evaluating impacts on households and industry – 2024 edition](#); Trinomics, 2025

³ Ara l-Illustrazzjoni 1. Il-prezzijiet bl-imnut tal-elettriku tal-UE għall-industrija fit-T2 tal-2024 kienu 2,2 darbiet ogħla minn dawk fl-Istati Uniti, id-doppju ta' dawk fiċ-Ċina u 1,2 darbiet ogħla milli fil-Ġappun (storikament aktar baxxi).

⁴ L-impjiegi fis-settur tal-enerġija rinnovabbli laħqu madwar 1,8 miljun fl-UE fl-2023. [Renewable energy and jobs: Annual review 2024](#); IRENA b'kollaborazzjoni mal-ILO, 2024

⁵ [The future of European competitiveness, part B](#), Illustrazzjoni 2; Mario Draghi, Settembru 2024. It-tweġġigh tad-diverġenza tal-prezzijiet bl-imnut madwar l-UE, minn inqas minn EUR 100/MWh (PT, FI, SE) għal aktar minn EUR 250/MWh (CY, HU, NL).

(Proporzjon ta' aktar minn 1 ifisser li l-prezzijiet tal-UE huma ogħla minn dawk tal-pajjiż korrispondenti mhux tal-UE)

Għalhekk, il-Kummissjoni qed tniedi programm ambizzjuż biex tappoġġa liċ-ċittadini, lin-negozji u lill-industrija tagħna billi tixpruna t-tkabbir u l-investiment u tippromwovi l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni.

Il-Boxxla għall-Kompetittività tal-UE⁶ se tiggwida l-ħidma fil-5 snin li ġejjin biex id-dinamiżmu ekonomiku jerġa' jingħata ħajja fl-Ewropa. **Il-Patt għal Industrija Nadifa, l-istrateġija tagħna għat-tkabbir u l-prosperità li tlaqqa' flimkien il-klima u l-kompetittività**, hija komponent ċentrali ta' din il-ħidma. B'appoġġ għall-Patt għal Industrija Nadifa, **il-Pjan ta' Azzjoni għall-Enerġija Affordabbli** se jiffoka fuq it-tnaqqis tal-kostijiet tal-enerġija għaċ-ċittadini, għan-negozji, għall-industrija u għall-komunitajiet madwar l-UE, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tan-nies kollha, inklużi l-gruppi vulnerabbli.

Dan il-pjan ta' azzjoni jippreżenta miżuri biex **jitnaqqsu l-kontijiet tal-enerġija fuq terminu qasir**, filwaqt li **titħaffef l-implimentazzjoni tar-riformi strutturali tant meħtieġa għall-iffrankar tal-kostijiet u jissaħħu s-sistemi tal-enerġija tagħna biex jittaffew ix-xokkijiet futuri fil-prezzijiet**. Bl-involvement sħiħ tal-Istati Membri u tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, dawn it-**tmien azzjonijiet** għal enerġija affordabbli se jnaqqsu l-kostijiet tal-enerġija u jgħinu biex tinbena **Unjoni tal-Enerġija** ġenwina li twassal għall-kompetittività, is-sigurtà, id-dekarbonizzazzjoni u tranżizzjoni ġusta, filwaqt li tgħaddi l-benefiċċji ta' enerġija orħos lill-utenti finali.

2. X'QED JGĦOLLI L-KOSTIJET TAL-ENERĠIJA FL-UE

Il-kontijiet tal-enerġija huma ddeterminati minn **taħlita ta' fatturi**: il-kostijiet tal-provvista tal-enerġija marbuta mal-livell ġenerali tal-konsum, il-kostijiet tan-network, u l-imposti tas-sisa u t-tassazzjoni. Min-naħa tagħhom, il-kostijiet tal-provvista tal-enerġija jiddependu fuq il-prezzijiet bl-ingrossa, xprunati minn diversi fatturi bħall-kundizzjonijiet tal-provvista u tad-domanda, it-taħlita tal-enerġija, l-interkonnessjonijiet, il-kompetizzjoni, ir-realtajiet tat-temp u ġeopolitiċi kif ukoll il-kompetizzjoni bl-imnut fost il-fornituri. Dawn il-fatturi jispjegaw l-**isfidi strutturali** tas-sistema tal-enerġija tal-UE.


L-ewwel nett, id-dipendenza tal-Ewropa fuq **il-fjuwils fossili importati** tikkawża volatilità fil-prezzijiet tal-enerġija u kostijiet ogħla tal-provvista, filwaqt li tagħmel lill-UE aktar vulnerabbli għall-pressjoni esterna u l-inċertezza tas-suq globali. Filwaqt li d-domanda għall-gass naturali naqset b'18 % bejn Awwissu 2022 u Mejju 2024,⁷ l-UE għadha esposta għal fluttwazzjonijiet globali fil-prezzijiet tal-fjuwils fossili, b'90 % tad-domanda tagħha għall-gass naturali koperta mill-importazzjonijiet.⁸ Il-konsegwenzi ta' dipendenza eċċessiva fuq il-provvista kienu evidenti matul il-kriżi enerġetika reċenti. L-użu fil-gwerra tar-Russja tal-esportazzjonijiet tal-gass tagħha wassal għal inċertezzi fil-provvista u żidiet qawwija fil-prezzijiet. Fl-2022, **il-kont tal-importazzjonijiet tal-enerġija mill-fjuwils fossili tal-UE**

⁶ [Boxxla għall-Kompetittività tal-UE](#) (COM(2025) 30 final)

⁷ [Ir-Rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt għall-mira klimatika tal-Ewropa għall-2040](#) (SWD (2024) 63 final, l-Anness 8 (il-parti 3/5), it-Taqsim 1.2.3)

⁸ [L-istatistika tal-Eurostat dwar il-gass naturali](#). L-Ewropa importat 273 bcm fl-2024, meta mqabbla ma' 334 bcm fl-2022.

laħaq is-EUR 604 biljun, wara livell baxx storiku ta' EUR 163 biljun fl-2020.⁹ B'seħem sostanzjali (28,9 %) tat-taħlita medja tal-ġenerazzjoni tal-elettriku tal-UE li għadha bbażata fuq il-fjuwils fossili,¹⁰ u t-trasport li fil-biċċa l-kbira jaħdem bi prodotti taż-żejt, il-kostijiet tal-importazzjoni tal-fjuwils fossili għandhom **impatt sinifikanti fuq il-kontijiet tal-enerġija tal-konsumaturi** (ara l-Illustrazzjoni 2).



Illustrazzjoni 2. Il-kontijiet tal-elettriku tal-UE għall-unitajiet domestiċi (il-faxxa DD, xellug) u l-industrija (il-faxxa ID, lemin) fi prezzijiet reali tal-2023¹¹

It-tieni, **l-ineffċjenzi u n-nuqqas ta' integrazzjoni sħiħa fis-sistema tal-elettriku għandhom impatt** ukoll fuq il-kontijiet tal-enerġija. L-Ewropa għandha l-aktar grilja integrata globalment, iżda jeħtieġ li jinkiseb aktar fir-rigward tal-**interkonnessjonijiet, l-infrastruttura tal-grilja, l-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija u l-flessibbiltà tas-sistema** biex tingħata spinta lill-integrazzjoni ta' sorsi tal-enerġija orħos u aktar nodfa. **Proċeduri twal għall-ħruġ ta' permessi** għal proġetti tal-enerġija nadifa u tal-grilja jkomplu jfixklu l-progress. L-istimi attwali huma li sal-2030, madwar nofs il-ħtiġijiet ta' kapaċità ġdida tal-elettriku transfruntiera tal-UE mhux se jiġu indirizzati,¹² u dan iżomm lura l-integrazzjoni sħiħa tas-suq tal-enerġija tagħna.

Fl-aħħar nett, **iż-żieda fil-kostijiet tas-sistema** koperti mit-tariffi tan-network u t-taxxi u l-imposti tkompli żżid il-prezzijiet tal-elettriku u tikkostitwixxi parti sostanzjali tal-kont, li jista' jkompli jiżdied peress li n-networks tagħna se jeħtieġu investimenti konsiderevoli fis-snin li ġejjin.

3. IL-BINI TA' UNJONI TAL-ENERĠIJA ĠENWINA BIEX TWASSAL ENERĠIJA AKTAR AFFORDABBLI

Il-politika tal-enerġija tal-UE f'salib it-toroq

L-enerġija hija element kostitwenti u forza mexxejja tal-Unjoni tagħna. Madankollu, għalkemm bnejna suq tal-enerġija interkonness ħafna, għad ma għandniex **Unjoni tal-Enerġija ġenwina**. Ninsabu f'mument kritiku għall-Unjoni Ewropea. **L-isfidi li għandna quddiemna huma ċari u urġenti**. Il-kostijiet tal-enerġija tagħna għandhom komparattivament għoljin, u dan **ipogħi lill-Ewropa f'riskju reali ta' deindustrijalizzazzjoni** u ta' theddida kritika għall-ekonomija tagħna.

Il-kost tan-nuqqas ta' azzjoni huwa ogħla mill-kost tal-azzjoni. Il-waqfien f'nofs triq lejn id-dekarbonizzazzjoni jpoġġi piż fuq l-ekonomija tagħna u fuq il-kapaċità industrijali tagħna.

⁹ [Ir-Rapport dwar il-prezzijiet u l-kostijiet tal-enerġija fl-Ewropa](#) (COM(2024) 136 final); Il-Kummissjoni Ewropea, Marzu 2024

¹⁰ [European electricity review 2025](#); EMBER, Jannar 2025

¹¹ Eurostat, [nrg_pc_204_c](#) u [nrg_pc_205_c](#) is-17 ta' Frar 2025

¹² [Electricity Infrastructure Monitoring Report 2024](#); ACER, Diċembru 2024

Pereżempju, fl-2023, it-tnaqqis tal-enerġija rinnovabbli fil-Ġermanja biss sewa aktar minn EUR 3 biljun, bil-benefiċċji tal-produzzjoni ta' din l-enerġija rħisa jintilfu għall-konsumaturi u n-negozji. Barra minn hekk, waqt li s-sistema tal-elettriku qed tikber fil-komplessità, qed jikbru wkoll il-kostijiet: il-kostijiet għall-ġestjoni tal-konġestjoni tal-grilja, prinċipalment mid-dispaċċ mill-ġdid, laħqu l-oġġla livell ta' EUR 5,2 biljun fl-2022¹³ u jistgħu jiżdiedu għal EUR 26 biljun sal-2030.¹⁴ L-aktar mod effettiv biex jiġu ġestiti dawn il-kostijiet huwa permezz ta' investiment Ewropew kondiviż u strateġiku filwaqt li tiġi żgurata n-newtralità teknoloġika.

Il-kost tan-nuqqas ta' tlestija tat-tranżizzjoni huwa aggravat mill-**kost li ma jittiħdux vantaġġ sħiħ mis-suq uniku tagħna** u l-potenzjal tiegħu li jnaqqas il-prezzijiet. Pereżempju, ix-Xlokk tal-Ewropa esperjenza żidiet qawwija fil-prezzijiet matul is-siġħat ta' filgħaxija fis-sajf li għadda b'medja ta' aktar minn EUR 250/MWh, fost l-oħrajn xprunata minn nuqqas ta' kapaċità transfruntiera u flessibilità insuffiċjenti li setgħet ttaffiet minn sistema tal-enerġija aktar interkonnessa.

It-tisħiħ tal-Patt għal Industrija Nadifa permezz ta' Unjoni tal-Enerġija robusta

Jekk l-isfidi jkunu ċari, l-istess ikun ir-rwol tal-Unjoni tal-Enerġija tagħna biex tindirizzahom. Il-kriżi enerġetika żvelat fejn jeħtieġ li **nkomplu nsaħħu l-infrastruttura tagħna u nappfondixxu l-integrazzjoni tas-suq tal-enerġija tal-UE.**

Diġà għamilna passi kbar. Bil-Pjan REPowerEU, għamilna s-sistema tal-enerġija tagħna aktar reżiljenti billi tajna spinta lill-effiċjenza enerġetika, introduċejna ġenerazzjoni nadifa u ddiversifikajna l-provvisti tagħna. Il-progress kien evidenti. Il-kapaċitajiet eoliċi u solari li għadhom kif ġew installati laħqu livelli rekord ta' 78 GW fl-2024 u l-bejgħ tal-pompi tas-sħana laħaq 3 miljun unità kemm fl-2022 kif ukoll fl-2023. Fl-2024, is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli ġġeneraw livell rekord ġdid ta' 48 % tal-elettriku fl-UE, li żdied minn 45 % fl-2023 u 41 % fl-2022. **L-isforzi tagħna taw il-frott:** mir-rebbiegħa tal-2023, il-prezzijiet tal-gass naqsu b'mod konsiderevoli. Fil-ġimgħat li ġejjin, il-Kummissjoni se tagħti wkoll spinta addizzjonali lejn l-implimentazzjoni sħiħa tar-REPowerEU biex jintemmu kompletament l-importazzjonijiet tal-enerġija Russi. Madankollu, biex nipprovdru soluzzjonijiet dejjiema fit-tul, ma jridux imorru lura iżda nkomplu nimxu 'l quddiem. Jeħtieġ li fl-aħħar niksbu Unjoni tal-Enerġija ġenwina permezz ta' **tliet faċilitaturi ewlenin.**

L-ewwel nett, neħtieġu **suq tal-enerġija integrat bis-sħiħ**, appoġġat minn **network interkonness u diġitalizzat** u reġim **regolatorju u ta' governanza** koeżiv. Is-Suq Intern tal-Enerġija u l-integrazzjoni tas-swieq Ewropej tal-elettriku diġà huma ta' benefiċċju għall-konsumaturi b'madwar EUR 34 biljun kull sena.¹⁵ **Integrazzjoni ulterjuri tista' żżid dawn il-benefiċċji sa EUR 40-43 biljun fis-sena sal-2030.**¹⁶ Se jkollna bżonn aġġornamenti massivi tal-grilja, u dan għandu jsir bl-aktar mod kosteffiċjenti: l-użu usa' ta' teknoloġiji li jtejbju l-grilja, u l-użu flessibbli tas-sistema jistgħu jiffrankaw sa 35 % fil-kostijiet tal-espansjoni tal-grilja konvenzjonali. Il-kooperazzjoni reġjonali madwar l-Ewropa, sostnuta

¹³It-tariffi tan-network jistgħu jiżdiedu b'mod sinifikanti b'60 % sal-2050 meta mqabbla mal-2022; [Transmission capacities for cross-zonal trade of electricity and congestion management](#); ACER, Lulju 2024

¹⁴[Redispatch and Congestion Management](#); Iċ-Ċentru Kongunt tar-Riċerka, Mejju 2024

¹⁵[ACER's final assessment of the EU wholesale electricity market design](#); ACER, April 2022

¹⁶[Integrating the EU energy market to foster growth and resilience](#); FMI, Jannar 2025. [Realising the benefits of European market integration](#); Baker *et al.*, 2018; Benefits of an integrated European energy market; Booz *et al.*, 2013

minn interkonnettività aħjar u koordinazzjoni aktar mill-qrib,¹⁷ tista' tnaqqas il-ħtieġa għal investimenti ta' flessibilità sa 20 %.¹⁸

It-tieni, neħtieġu **sistema tal-enerġija dekarbonizzata**, xprunata minn espansjoni sostanzjali ta' **enerġija nadifa u elettrifikazzjoni**, bl-**effiċjenza enerġetika** fiċ-ċentru tagħha. Id-dinja miexja b'rata aktar mgħaġġla minn qatt qabel lejn enerġija nadifa. Is-sena l-oħra l-infiq globali fuq l-enerġija nadifa laħaq rekord ta' EUR 1,9 triljun. Għal kull euro investit fil-fjuwils fossili, jiġu investiti żewġ euros fl-enerġija rinnovabbli. Se nwasslu d-dekarbonizzazzjoni, minħabba li d-dekarbonizzazzjoni ttipprovdi mhux biss enerġija nadifa, iżda wkoll impjiegi ta' kwalità, tkabbir u sigurtà tal-enerġija. Barra minn hekk, it-tnaqqis tas-sehem tal-fjuwils fossili fis-sistema tal-enerġija Ewropea jkompli jipproteġi lill-konsumaturi mill-volatilità tas-suq.

It-tielet, peress li l-gass naturali għadu parti mill-konsum tal-enerġija tal-Ewropa, neħtieġu **suq tal-gass aktar trasparenti u kompetittiv li jiffunzjona tajjeb**, filwaqt li nkomplu l-isforzi ta' diversifikazzjoni u tnaqqis fid-domanda. L-UE tibqa' esposta għal movimenti volatili tal-prezzijiet internazzjonali tal-gass. Jeħtieġ li niżguraw li l-gass jiġi nnegożjat b'termini ġusti, u jeħtieġ li nużaw is-saħħa kollettiva tagħna. Bħala eżempju, il-mekkaniżmu ta' aggregazzjoni tad-domanda laħaq 42 biljun metru kubu mill-2023, li huwa 13 % tal-konsum tal-gass tal-UE matul dak il-perjodu.

Fil-qosor, **huwa biss billi naċċelleraw l-investimenti** fl-enerġija u fl-infrastruttura nodfa, niżguraw aċċellerazzjoni rapida tal-elettrifikazzjoni, inżidu l-effiċjenza enerġetika u nġibu t-trasparenza u l-ġustizzja fis-swieq tal-gass **li nistgħu nagħmlu l-enerġija affordabbli**. Huwa għalhekk li **l-Ewropa teħtieġ dan il-Pjan ta' Azzjoni**: biex jingħata rispons rapidu u sod li jnaqqas il-kostijiet tal-enerġija fit-terminu immedjat, li s-sistema tal-enerġija tibqa' valida fil-futur, biex jiġu attirati l-investimenti u sabiex jiġi żgurat it-twassil. F'dan ir-rigward, is-simplifikazzjoni tal-qafas regolatorju tagħna u t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi jistgħu jgħinu lin-negożji billi jipprovdu viżibbiltà u sempliċità għall-użu ta' teknoloġiji nodfa. L-azzjoni u l-involvement miftiehma tal-mexxejja Ewropej fl-ogħla livell politiku huma essenzjali biex jitwettaq dan il-Pjan ta' Azzjoni trasformattiv.

Mingħajr it-tranżizzjoni tal-enerġija, il-kont tal-importazzjoni tal-fjuwils fossili tal-UE fl-2025 ikun ta' EUR 45 biljun ogħla milli fl-2019, li jirrappreżenta madwar **0,25 % tal-PDG tal-UE**.

L-implimentazzjoni ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni se tippermetti lill-UE **tħaffef il-benefiċċji tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa**. Dan se jissarraf fi **tnaqqis fil-kont tal-importazzjoni tal-fjuwils fossili tal-UE** sena wara sena għal **iffrankar ta' EUR 130 biljun fis-sena sal-2030**, li jirrappreżenta madwar **0,65 % tal-PDG sal-2030**.¹⁹ Tali ffrankar mit-tnaqqis tal-użu tal-fjuwils fossili jista' jinqasam bejn wiehded u ieħor **fuq tliet linji**: (i) iż-żieda fl-**elettrifikazzjoni** u l-**effiċjenza enerġetika**, li min-naħa tagħha tnaqqas id-domanda totali għall-fjuwils fossili (25 %), u (ii) is-**sostituzzjoni tad-domanda persistenti għall-fjuwils fossili** fil-ġenerazzjoni tal-elettriku b'enerġija nadifa (50 %), appoġġata minn (iii) **kapaċità suffiċjenti tal-grilja, infrastruttura tal-grilja intelliġenti u flessibilità tas-sistema tal-**

¹⁷ [Redispatch and Congestion Management](#); Iċ-Ċentru Kongunt tar-Riċerka, Mejju 2024


¹⁸ [Power system flexibility in the Penta region](#); Trinomics u Artelys, Marzu 2023

¹⁹ L-iffrankar tal-2025 meta mqabbel mal-volumi tal-importazzjoni fl-2019, bi stimi bbażati fuq suppożizzjonijiet tal-prezzijiet spot tal-fjuwils fossili tal-2024. B'suppożizzjoni tal-prezzijiet (ogħla) tal-2022, l-iffrankar annwali jikber minn EUR 140 biljun fl-2025 (madwar 0,75 % tal-PDG) għal EUR 340 biljun fl-2030 (1,75 % tal-PDG previst) u sa 600 biljun fl-2040 (2,7 % tal-PDG previst).

enerġija (25 %). L-**iffrankar** fil-kont tal-importazzjoni tal-fjuwils fossili tal-UE **se jżied** kull sena **sa EUR 260 biljun sal-2040.**²⁰

4. PJAN TA' AZZZJONI GĦALL-ENERĠIJA AFFORDABBLI GĦALL-EWROPEJ KOLLHA

Dan il-Pjan ta' Azzjoni jissuġġerixxi **azzjoni miftiehma immedjata** mill-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew, l-Istati Membri u l-industrija biex: (i) jitnaqqsu l-kostijiet tal-enerġija għal kulħadd; (ii) titlesta l-Unjoni tal-Enerġija; (iii) jiġu attirati l-investimenti; u (iv) ikunu lesti għal kriżijiet enerġetiċi potenzjali. Il-biċċa l-kbira tal-azzjonijiet **se jitwettqu matul l-2025**, b'enfasi fuq l-azzjonijiet li jgħibu **sollev immedjat għall-konsumaturi tal-enerġija.**



Illustrazzjoni 3. L-erba' pilastri tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Enerġija Affordabbli

Pilastru I: Tnaqqis tal-kostijiet tal-enerġija

Biex jitnaqqas il-kont jeħtieġ li jiġu indirizzati **t-tliet komponenti tal-kostijiet** tiegħu: **il-kostijiet tan-network u tas-sistema, it-tassazzjoni, u l-kostijiet tal-provvista.** Barra minn hekk, peress li l-gass naturali huwa parti sinifikanti mit-taħlita tal-elettriku, l-iżgurar ta' swieq tal-gass li jiffunzjonaw tajjeb li jwasslu prezzijiet ibbażati fuq is-suq se jgħin ukoll biex jitnaqqas kemm il-kontijiet tal-gass kif ukoll tal-elettriku. Ulterjorment, l-effiċjenza u l-iffrankar tal-enerġija se jnaqqas l-ammont ta' elettriku li l-konsumaturi jeħtieġu jixtru.

²⁰ 1,2 % tal-PDG stmat tal-UE. L-iffrankar tal-2040 huwa kkalkulat bis-suppożizzjoni ta' ambizzjoni ta' tnaqqis ta' 90 % tal-gassijiet serra fl-2040.

Azzjoni 1: Il-kontijiet tal-elettriku jsiru aktar affordabbli

L-Istati Membri diġà jistgħu jibaxxu l-kontijiet tal-elettriku mil-lum. Dan jeħtieġ azzjoni immedjata kif ukoll ambizzjoni akbar, b'mod partikolari fl-oqsma tat-tariffi tan-network u t-tassazzjoni.

a) Tariffi tan-network

It-tariffi tan-network jiffinanzjaw it-titjib fiżiku tal-grilji u t-tħaddim tas-sistema. Huwa meħtieġ kapital sinifikanti għal investimenti fl-immodernizzar u l-espansjoni tan-network tal-elettriku. Dan huwa essenzjali biex jiġi ffaċilitat l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, l-elettrifikazzjoni u domanda industrijali u kummerċjali ġdida. Fl-istess ħin, **il-kostijiet tat-tħaddim tas-sistema tal-enerġija qed jiżdiedu.**²¹ It-tariffi tan-network li jinċitaw l-effiċjenzi tas-sistema u l-użu ta' elettriku nadif b'kost aktar baxx jistgħu jnaqqsu malajr il-kostijiet tat-tħaddim tas-sistema ġenerali, pereżempju billi jnaqqsu l-ħtiġijiet u l-kostijiet tad-dispaċċ mill-ġdid, inaqqsu d-domanda massima u b'hekk il-ħtiġijiet ta' investiment fil-grilja u, fl-aħħar mill-aħħar, inaqqsu l-komponent tat-tariffi tan-network tal-kont tal-enerġija meta mqabbla ma' ebda azzjoni meħuda.

Barra minn hekk, minħabba l-kobor tal-investimenti meħtieġa, it-tixrid ta' dawn l-investimenti maż-żmien jista' jgħin biex jiġi żgurat li l-kostijiet jibqgħu limitati għall-konsumaturi. Dan huwa partikolarment rilevanti meta l-investimenti jantiċipaw tkabbir futur inċert fid-domanda għall-elettriku minħabba l-elettrifikazzjoni, fejn l-iċċarġjar ta' dawn l-investimenti kollha fuq l-utenti attwali jista' jkun ta' piż inġust fuq l-adottanti prekoċi, u b'hekk inaqqas ir-ritmu tal-elettrifikazzjoni.²²

²¹ Mill-2020 sal-2022, il-kostijiet tad-dispaċċ mill-ġdid kważi rduppjaw għal EUR 4,2 biljun, l-iskambju kumpensatorju rdoppja għal EUR 0,8 biljun u kostijiet oħra naqsu għal EUR 0,2 biljun. Il-kostijiet tal-ġestjoni tal-konġestjoni huma xprunati mill-effiċjenza fl-operazzjonijiet tas-sistema u l-kost tal-provvista tal-elettriku, li kien partikolarment għoli fl-2022 xprunat mill-kriżi enerġetika. Electricity infrastructure development to support a competitive and sustainable energy system; ACER, Diċembru 2024

²² Tali miżuri, applikati għal monopolji naturali jew legali, x'aktarx li ma jikkostitwux għajjnuna mill-Istat u jistgħu jallinjaw mal-prinċipji tat-tariffi tan-network li jirriflettu l-kostijiet. Ara l-punti 188 u 211 tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' għajjnuna mill-Istat, kif ukoll il-punti 373-375 tas-CEEAG. Fil-każ tal-German Hydrogen Backbone, il-Kummissjoni sabet li tali miżura hija kompatibbli ma' għajjnuna mill-Istat (*id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2024) 4366 final fil-każ SA.113565*).

Xiex	Tariffi tan-network aktar effiċjenti biex jitnaqqsu l-kostijiet tas-sistema tal-enerġija
Kif	Il-Kummissjoni se: - tressaq tfassil ta' metodoloġiji tariffarji għat-tariffi tan-network biex jinċentivaw l-użu tal-flessibbiltà u l-investimenti fl-elettrifikazzjoni, filwaqt li jinżamm l-inċentiv li jsir investiment fil-grilja u jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi. Dan se jippermetti lill-utenti tal-grilji jaġġustaw l-użu tal-enerġija tagħhom jew ipoġġuh fuq żminijiet u postijiet fejn huma disponibbli l-irħas sorsi tal-enerġija u meta dan ikun l-aktar kosteffiċjenti għas-sistema ġenerali; - jekk ikun meħtieġ, tressaq proposta leġislattiva biex tagħmilha legalment vinkolanti; - tressaq gwida biex tispjega kif, fejn rilevanti f'każijiet immirati, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu mill-baġit pubbliku tagħhom biex inaqqsu t-tariffi tan-network sabiex ikopru l-kostijiet addizzjonali li jirriżultaw minn miżuri biex jaċċelleraw id-dekarbonizzazzjoni u l-integrazzjoni tas-suq, b'mod partikolari bħall-interkonnetturi, it-titjib ewlieni tan-network jew l-infrastruttura tal-konnessjoni mal-grilja lil hinn mill-kosta, f'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u d-dritt tal-kompetizzjoni. Pereżempju, il-baġit tal-Istat jista' b'hekk jippermetti deprezzament aktar mgħaġġel għall-investituri tal-grilja filwaqt li jevita żidiet qawwija fil-prezzijiet għall-konsumaturi; - tressaq gwida dwar investimenti antiċipatorji għall-grilji tal-elettriku filwaqt li tiżgura l-affordabbiltà għall-konsumaturi biex ikomplu jappoġġaw lill-operaturi tas-sistema, lill-awtoritajiet regolatorji u lill-Istati Membri.
Meta	T2 2025
Impatt	Il-flessibbiltà se tnaqqas id-domanda massima u tnaqqas il-kostijiet tas-sistema tal-enerġija u l-ħtiġijiet ġodda totali ta' investiment fil-grilja . Billi tiġi evitata żieda mhux ikkontrollata tal-kostijiet tal-ġestjoni tal-grilja li altrimenti titla' sa EUR 26 biljun sal-2030, se tnaqqas it-tariffi tan-network li l-konsumaturi se jħallsu bħala parti mill-kont tal-elettriku.

b) Taxxi u imposti

It-taxxi għoljin fuq l-elettriku jżidu l-kontijiet u l-istruttura attwali tat-tassazzjoni ma tiddiżinċentivax l-użu tal-fjuwils fossili fuq l-użu tal-elettriku, u b'hekk tnaqqas ir-ritmu tal-elettrifikazzjoni u d-domanda għall-elettriku domestiku rħis. Żewġ taxxi ewlenin huma imposti fuq l-elettriku: Il-VAT u t-tassazzjoni fuq l-enerġija – ikkomplementati minn taxxi nazzjonali oħra. Id-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija²³ tipprevedi tassazzjoni minima (dazji tas-sisa) tal-elettriku u tippermetti lill-Istati Membri jnaqqsu r-rata tat-taxxa għal zero meta jkun legalment possibbli għall-industriji intensivi fl-enerġija u l-unitajiet domestiċi u għall-industriji kollha fil-każ tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli.

It-tnaqqis fit-tassazzjoni **wera li huwa effettiv ħafna fit-trażżin tal-kontijiet tal-enerġija** matul il-kriżi enerġetika, meta l-Istati Membri implimentaw tnaqqis fil-VAT u fit-taxxi fuq l-

²³ [Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE li tirrifirma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku](#)

enerġija, u trasferimenti tal-introjt lejn gruppi vulnerabbli.²⁴ Fi Franza, pereżempju, it-taxxa fuq il-konsum tal-elettriku tnaqqset minn EUR 22,5/MWh għal EUR 0,6/MWh.²⁵ Tali appoġġ għandu jkun immirat b'mod partikolari biex jintlaħaq l-oġettiv b'mod effettiv filwaqt li jiġu minimizzati l-kostijiet fiskali.²⁶

Xiex	Tassazzjoni aktar baxxa fuq l-elettriku u t-tneħħija ta' komponenti tal-kost mhux tal-enerġija mill-kontijiet
Kif	Il-Kunsill għandu jlesti r-reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija ("ETD", Energy Taxation Directive), proposta fl-2021, li għandha l-għan li: (i) tallinja t-tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija mal-politiki tal-UE dwar l-enerġija u l-klima; (ii) tippromwovi teknoloġiji nodfa; u (iii) tneħħi l-eżenzjonijiet skaduti u r-rati mnaqqsa li bħalissa jinkoraġġixxu l-użu tal-fjuwils fossili. Il-Kummissjoni tinsab lesta li tkompli tappoġġa l-adozzjoni. Il-Kummissjoni tfakkar li l-Istati Membri jistgħu (i) inaqqsu t-taxxi u l-imposti nazzjonali fil-kont tal-elettriku lejn ir-rati minimi tad-dazju tas-sisa previsti fid-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija ta' EUR 0,5/MWh għan-negozji,²⁷ (ii) japplikaw ir-rata mnaqqsa tal-VAT permessa mid-Direttiva tal-VAT u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill tagħha ta' minimu ta' 5 %,²⁸ (iii) jeliminaw imposti li mhumiex relatati mal-enerġija,²⁹ u (iv) jittrasferixxu l-imposti li jiffinanzjaw il-politiki tal-enerġija għall-baġit ġenerali.³⁰ F'konformità mad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija, li tippermetti tnaqqis fit-taxxi għal zero għall-enerġija kkunsjata mill-unitajiet domestiċi u mill-industriji intensivi fl-enerġija, il-Kummissjoni se toħroġ rakkomandazzjoni lill-Istati Membri dwar kif għandhom jużaw tali flessibbiltajiet u jiżguraw fis-setturi kollha li l-elettriku jiġi ntaxxat inqas minn sorsi oħra tal-enerġija filwaqt li jsewgu l-oġettivi fit-tul tagħna ta' dekarbonizzazzjoni.
Meta	Mill-adozzjoni tad-Direttiva riveduta dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija. Rakkomandazzjonijiet addizzjonali tal-Kummissjoni fit-T4 tal-2025.
Impatt	Tnaqqis immedjat tal-kontijiet tal-enerġija, bil- potenzjal li jitnaqqas mill-inqas binofs il-komponent tat-taxxa (f'EUR/MWh), abbażi tal-esperjenza tat-tnaqqis fit-tassazzjoni fl-2022-2023 (ara l-Illustrazzjoni 2). Titħaffef l-elettrifikazzjoni permezz ta'

²⁴ [Ir-rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija](#), [EU guidance on energy poverty](#) u d-[Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja r-Rakkomandazzjoni tal-2023 dwar il-faqar enerġetiku](#); Il-Kummissjoni Ewropea, 2023. [National fiscal policy responses to the energy crisis](#); Bruegel, Ġunju 2023

²⁵ [Recommendations for future-proof electricity market design in light of the 2021-23 energy crisis](#); Pollitt *et al.*, 2024

²⁶ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar [Gwida tal-politika fiskali għall-2024](#) (COM(2023) 141 final), tirrakkomanda li l-Istati Membri għandhom jimmiraw il-miżuri tagħhom ħafna aħjar milli fil-passat, filwaqt li joqogħdu lura minn appoġġ ġeneralizzat u jipproteġu biss lil daww li jeħtiġu, jiġifieri l-unitajiet domestiċi u d-ditti vulnerabbli.

²⁷ Id-[Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija \(ETD\) 2003/96/KE](#) tistabbilixxi rati minimi tad-dazju tas-sisa li l-Istati Membri jridu japplikaw għall-prodotti tal-enerġija, inkluż l-elettriku.

²⁸ Id-[Direttiva 2006/112/KE tal-UE dwar il-VAT](#) tistabbilixxi rata standard minima tal-VAT ta' 15 % li tapplika għall-elettriku, il-gass naturali u t-tisħin distrettwali u tippermetti rata tal-VAT imnaqqsa ta' mill-inqas 5 %. [Id-Direttiva tal-Kunsill \(UE\) 2022/542](#) tikkonferma rata mnaqqsa tal-VAT applikabbli għall-elettriku ta' 5 %. L-applikazzjoni tar-rati mnaqqsa tiġi deċiża mill-Istati Membri. Il-biċċa l-kbira tan-negozji jistgħu jnaqqsu l-VAT imħallsa fuq l-elettriku, dment li l-elettriku jintuża għal attivitajiet taxxabli.

²⁹ Inklużi direttament fil-kont jew fit-tariffi tan-network.

³⁰ Dan jirreferi b'mod speċjali għall-imposti fuq l-iskemi ta' appoġġ rinnovabbli. Xi drabi jiġu introdotti wkoll imposti oħra fuq l-enerġija (eż. id-dekummissjonar nukleari). Xi Stati Membri jistgħu jagħżlu li jżommu xi kostijiet tal-politika tal-enerġija fi ħdan il-kont meta l-baġits tal-Istat ikunu taħt pressjoni kbira u li jimminimizzaw ir-riskju ta' politika nazzjonali sostanzjali malajr. Il-kostijiet assoċjati mal-miżuri tas-sigurtà tal-provvista ma jistgħux jiġu trasferiti għall-baġit peress li dan jista' jwassal għat-tneħħija tal-inċentivi ta' rispons għad-domanda u għaż-żieda fil-kost ġenerali tas-sistema.

c) Kostijiet aktar baxxi tal-provvista billi tiżdied il-kompetizzjoni bl-imnut

Bħalissa, 73 % tal-unitajiet domestiċi tal-UE kif ukoll proporzjon sinifikanti ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jinsabu fuq kuntratti fissi tal-elettriku³¹. Ħafna jistgħu jibaxxu l-kontijiet tal-elettriku tagħhom billi jaqilbu għal fornitur aktar kompetittiv jew jibdli l-konsum għal perjodu ta' prezzijiet aktar baxxi iżda għadhom qed jiffaċċjaw ostakli fis-suq. Il-konsumaturi vulnerabbli jeħtieġu attenzjoni speċifika. Il-miżuri ta' affordability għandhom iqisu l-ħtiġijiet speċifiċi tal-unitajiet domestiċi b'introjt aktar baxx, inklużi għażliet ta' kontijiet flessibbli li jipprevjenu skonnessjonijiet għal gruppi ekonomikament żvantaġġati. Il-Komunitajiet tal-enerġija jridu jissaħħu wkoll biex il-komunitajiet lokali, iċ-ċittadini u l-kumpaniji jkunu jistgħu jingħaqdu flimkien u jinvestu fi proġetti tal-enerġija nadifa fil-livell lokali; b'hekk ikunu jistgħu jipproduċu, ibiġġu u jikkunsmaw l-enerġija rinnovabbli tagħhom. Huwa essenzjali li l-UE tkompli tipprovdi finanzjament suffiċjenti ddedikat biex tappoġġa t-tlestija tal-Unjoni tal-Enerġija.

Xiex	Il-konsumaturi jkunu jistgħu jaqilbu għal fornituri tal-enerġija orħos, u jibbenefikaw minn enerġija rinnovabbli affordabbli, filwaqt li jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku
Kif	Il-Kummissjoni se tipproponi Pakkett tal-Enerġija għaċ-Ċittadini biex iżżid il-partiċipazzjoni taċ-ċittadini fit-tranżizzjoni tal-enerġija u ssaħħaħ id-dimensjoni soċjali tal-Unjoni tal-Enerġija inkluż b'mod partikolari: - tipprovdi gwida lill-Istati Membri biex ineħħu l-ostakli eżistenti sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jiffrankaw fuq il-kontijiet tal-enerġija tagħhom billi jibdli l-fornitur u jibdli l-kuntratt. Dan ikun jinkludi l-iżgurar li l-konsumaturi jifhmu l-kont permezz ta' informazzjoni ċara u data dwar il-konsum tal-enerġija, prezzijiet li jippermettu lill-konsumaturi jaqilbu għal sigħat ta' prezzijiet aktar baxxi;³² - tistabbilixxi miżuri biex tnaqqas il-faqar enerġetiku, inkluż permezz tal-effiċjenza enerġetika, u tippermetti lill-konsumaturi u lill-komunitajiet jipproduċu, jużaw u jbiġġu l-enerġija rinnovabbli fuq it-termini tagħhom stess, inkluż permezz tal-komunitajiet tal-enerġija.
Meta	T3 2025 (Pakkett tal-Enerġija għaċ-Ċittadini)
Impatt	Il-qlib għall-fornitur tal-elettriku li joffri l-aktar prezzijiet baxxi jista' jiffranka lill-unitajiet domestiċi EUR 150-200 fis-sena . ³³ L-unitajiet domestiċi jistgħu jiffrankaw EUR 500-1 100 fis-sena billi jipparteċipaw fil-komunitajiet tal-enerġija . ³⁴

Azzjoni 2: Tnaqqis tal-kost tal-provvista tal-elettriku

L-implimentazzjoni rapida u sħiħa tal-leġislazzjoni eżistenti tal-UE dwar l-elettriku hija kruċjali biex jitnaqqas il-kost tal-provvista tal-elettriku: ir-regoli adottati reċentement dwar l-

³¹ [2024 Market monitoring report on energy retail and consumer protection](#); ACER-CEER, Settembru 2024

³² *Ibid*. Ir-rata tal-qlib tal-konsumaturi tal-unitajiet domestiċi tal-elettriku hija ta' 7,15 %

³³ [Annual report on the results of monitoring the internal electricity and gas markets in 2021](#); ACER, Ottubru 2022

³⁴ [Collective energy sharing: CBA and survey evidence of the willingness to invest](#); Ovaere, 2023; benefiċċji ta' 50-50 % ta' awtokonsum kollettiv solari u eoliku u ta' enerġija żejda mibjugħa bejn madwar EUR 500-1 100/sena (2020-2022).

ħruġ ta' permessi, il-kuntratti, il-flessibbiltà, l-ġħoti tas-setgħa lill-konsumatur u s-sorveljanza tas-suq jistgħu jwasslu għal kostijiet aktar baxxi. Dan għandu jiġi kkomplementat bl-azzjonijiet immedjati li ġejjin.

a) Kuntratti ta' provvista tal-elettriku fit-tul

Il-prezzijiet għoljin u volatili tal-gass jgħollu l-prezzijiet tal-elettriku. **Il-ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija** (PPAs, power purchase agreements) u **l-kuntratti fit-tul** bejn l-iżviluppaturi tal-enerġija nadifa u l-konsumaturi industrijali u l-kumpaniji jippermettu lil dawn tal-aħħar jibbenefikaw minn prezzijiet tal-elettriku stabbli u rħas għal durata twila. Il-PPAs jista' jkollhom rwol fit-tneħħija tar-riskji mill-proġetti billi jippermettu lill-iżviluppaturi tal-enerġija rinnovabbli jiżguraw prezz fit-tul għall-output tagħhom, u dan jappoġġa d-deċiżjonijiet ta' investiment. Dawn jistgħu jipprovdu wkoll stabbiltà tal-prezzijiet fit-tul għall-konsumaturi industrijali. Filwaqt li d-domanda għall-PPAs qed tiżdied,³⁵ dawn il-kuntratti jeħtieġ li jiġu mhegġġa u integrati aktar, inkluż għal negozji intensivi fl-enerġija li ma għandhomx aċċess wiesa' għalihom u li xorta jistgħu jiffaċċjaw ostakli. Il-Kummissjoni se żżid l-isforzi skont ir-regoli tas-suq tal-elettriku biex **tiddiżakkoppja l-kontijiet tal-elettriku mill-volatilità tal-prezzijiet** billi tagħti spinta lill-adozzjoni ta' kuntratti tal-provvista tal-elettriku fit-tul.

Xiex	Id-diżakkoppjament tal-kontijiet tal-elettriku bl-imnut mill-prezzijiet tal-gass għoljin u volatili
Kif	Jitnaqqsu l-ostakli għal atturi ġodda,³⁶ b'mod partikolari l-industriji intensivi fl-enerġija, biex jiġu konklużi kuntratti tal-enerġija fit-tul billi jiġu appoġġati reġimi nazzjonali u jiġu introdotti għodod ta' tneħħija tar-riskji. Il-Kummissjoni se: - tniedi, mal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), programm pilota għal parti mill-kontroparti tal-Ftehimiet dwar ix-Xiri tal-Enerġija mwettqa mill-kumpaniji għax-xiri fit-tul tal-ġenerazzjoni tal-elettriku għal ammont indikattiv ta' EUR 500 miljun. F'konformità mal-approċċ fit-Tfassil tas-Suq tal-Elettriku, il-Kummissjoni se timpenja ruħha mal-BEI biex tippromwovi l-PPAs, inklużi l-PPAs transfruntiera, b'mod teknoloġikament newtrali; - tipprovdi gwida lill-Istati Membri dwar it-tfassil ta' kuntratti effettivi għad-differenza, inkluża l-kombinazzjoni tagħhom mal-PPAs; - tadotta regoli ġodda biex tappoġġa l-iżvilupp ulterjuri tas-swieq forward Ewropej u żżid l-opportunitajiet ta' ħħeġġjar.
Meta	It-tneħħija tal-ostakli regulatorji għandha tibda minnufih. T2 2025: Koordinazzjoni mal-BEI Sa T4 2025: Gwida għall-Istati Membri dwar it-tfassil ta' kuntratti għad-differenza
Impatt	Aktar stabbiltà fil-prezzijiet għax-xerrejja billi l-kumpaniji Ewropej jiġu meġhuna jimmaniġġjaw il-volatilità fil-kostijiet tal-enerġija u jiksbu aċċess għal opportunitajiet ta' ħħeġġjar transfruntier aħjar. Il-kuntratti fit-tul se jagħtu wkoll lill-produtturi tal-enerġija rinnovabbli l-introjt garantit meħtieġ biex inaqqsu l-kost tal-kapital, filwaqt li jgħinu sabiex tittaffa l-pressjoni fuq il-konsumaturi u l-kontribwenti. ³⁷

³⁵ Sal-2024, fl-UE kienet ġiet iffirmata kapaċità kkuntrattata kumulattiva ta' 48,4 GW (Sors: [RE-Source](#))

³⁶ Bħall-affidabbiltà tal-kreditu, il-kumplessità tal-kuntratti u d-disponibbiltà tal-iħħeġġjar. [Commercial PPAs](#); Baringa għall-BEI, 2022

³⁷ [Phased European Union electricity market reform](#); Bruegel, Marzu 2023

b) It-tnaqqis tal-ħinijiet għall-ħruġ ta' permessi għal provvista tal-enerġija nadifa u infrastruttura tal-enerġija ġdida

Il-ġenerazzjoni tal-enerġija **rinnovabbli** saret is-sors awtomatiku tal-ġenerazzjoni tal-enerġija ġdida **bl-inqas kost**.^{38, 39} Madankollu, iż-żminijiet meħtieġa għal proġetti ġodda jistgħu jkunu sa 7-10 snin għall-proġetti eoliċi, sa 8-10 snin għall-proġetti tal-grilja tad-distribuzzjoni⁴⁰ u xi drabi saħansitra sa 17-il sena għall-proġetti tal-grilja tat-trażmissjoni.⁴¹ Dan qed ixxekk serjament l-introduzzjoni massiva tal-enerġija rinnovabbli u jista' jkollu impatt fuq il-mudell ekonomiku tal-proġetti.

Fil-livelli kollha – tal-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali – **l-awtoritajiet iridu jagħmlu sforz kbir biex jaċċelleraw il-proċeduri għall-ħruġ ta' permessi għall-proġetti** tal-grilja, tal-ħżin u tal-enerġija nadifa, kif deskritt fir-rapport ta' Draghi. Dan jinkludi l-ħruġ ta' permessi għal infrastruttura li tista' tipprovi flessibbiltà lis-sistema tal-elettriku, pereżempju punti tal-irriċarġjar tal-vetturi elettriċi. Il-Kummissjoni tappella lill-**Istati Membri biex jimplimentaw malajr** il-qafas leġiżlattiv adottat reċentement għall-ħruġ ta' permessi għal proġetti ta' enerġija nadifa.⁴² L-**impatt tar-riformi reċenti tal-ħruġ ta' permessi diġà huwa viżibbli** fl-Istati Membri li għamlu użu estensiv mir-regolament ta' emerġenza. Pereżempju, bħala konsegwenza tal-applikazzjoni ta' ħruġ ta' permessi aktar rapidi matul il-kriżi enerġetika fil-Ġermanja, il-**permessi għal proġetti eoliċi ġodda fuq l-art żdiedu** aktar mit-**tripplu** mill-2022, u **dan żied l-għadd ta' installazzjonijiet b'48 % f'sena waħda (2023)**⁴³ u madwar **3 300 km ta' grilji ta' trażmissjoni ġew approvati** mit-T2 tal-2023, u ġew **iffrankati minn 12-il xahar sa 3 snin** fi żmien għall-ħruġ ta' permessi.

Barra minn hekk, parti kbira miż-żmien meħud mill-proċessi tal-ħruġ ta' permessi għall-investimenti, il-ħżin u l-grilji fl-enerġija nadifa hija ddedikata għall-valutazzjonijiet ambjentali. **Huma meħtieġa aġġornamenti mmirati għall-qafas leġiżlattiv dwar il-valutazzjonijiet ambjentali** biex jiġu ssimplifikati u mqassra b'mod sinifikanti l-proċeduri għall-ħruġ ta' permessi għal tali proġetti, filwaqt li **jinżammu s-salvagwardji ambjentali u tiġi protetta s-saħħa tal-bniedem**. **Skadenzi iqsar għall-ħruġ ta' permessi għall-infrastruttura tal-enerġija fil-livell nazzjonali** huma wkoll kruċjali biex jitnaqqsu l-kostijiet tal-enerġija. Dan jista' jiġi ffaċilitat permezz ta' miżuri bħal approvazzjonijiet taċiti għal ċerti deċiżjonijiet amministrattivi fil-proċess tal-ħruġ ta' permessi, fejn dan il-prinċipju jeżisti fis-sistema legali nazzjonali, u punti uniċi ta' servizz għall-iżviluppaturi.

Ir-rapport ta' Draghi jikkonkludi wkoll li hija meħtieġa enfasi akbar fuq id-diġitalizzazzjoni tal-proċessi nazzjonali għall-ħruġ ta' permessi madwar l-UE u l-indirizzar tan-nuqqas ta' riżorsi tal-awtoritajiet tal-ħruġ ta' permessi. Il-**proċess** tal-ħruġ ta' permessi, u d-data ambjentali u ġeoloġika meħtieġa għall-investimenti fl-enerġija nadifa, jeħtieġ li jiġu **diġitalizzati**. Barra minn hekk, **data aktar granulari** dwar il-potenzjal tar-riżorsi għall-

³⁸ [Renewable power generation costs in 2023](#); IRENA, Settembru 2024

³⁹ Lil hinn mis-simplifikazzjoni tal-ħruġ ta' permessi, fatturi oħra jappoġġaw it-tnaqqis fil-kostijiet tal-proġetti tal-enerġija, bħall-iżgurar tal-aċċess għal kundizzjonijiet ta' finanzjament kompetittivi, katina tal-provvista reżiljenti b'kapaċità tal-manifattura domestika suffiċjenti u forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati, u żviluppi teknoloġiċi.

⁴⁰ [Guidance on EU permitting-related provisions on grid and renewable energy projects](#); Entità tal-UE għad-DSO, Jannar 2025

⁴¹ Proġett tal-linji elettriċi fl-ajru ta' 115 km 380 kV ta' [Uckermark](#) (ara [S&P](#))

⁴² [Id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli](#); [Ir-Regolament TEN-E](#); [Id-Direttiva dwar is-Suq tal-Gass Rinnovabbli, tal-Gass Naturali u tal-Idroġenu](#)

⁴³ 15,2 GW fl-2024 ([EE-Statistik Auswertung, Jannar 2025](#)). Ara wkoll [Reuters](#).

enerġija eolika u solari madwar l-UE se tgħin lill-Istati Membri fl-immappjar taż-żoni meħtieġa biex jilhqgħu l-miri nazzjonali tagħhom, kif ukoll fid-deżinjazzjoni taż-żoni ta' **aċċellerazzjoni għall-enerġija rinnovabbli**, kif previst skont id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli. **Il-ħruġ ta' permessi simplifikati se jkopri proġetti tal-enerġija ibrida** b'diversi teknoloġiji, bħal ġenerazzjoni u ħżin rinnovabbli, bl-użu tal-istess konnessjoni mal-grilja. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni se tivvaluta l-possibbiltà li tissimplifika l-prattiki attwali tal-ħruġ ta' permessi u tal-ħruġ ta' liċenzji għall-użu ta' teknoloġiji ġodda tal-enerġija nukleari bħar-**Reatturi Modulari Żgħir** (SMRs, Small Modular Reactors).

Xiex	Tnaqqis tal-ħinijiet għall-ħruġ ta' permessi għal tranżizzjoni aċċellerata tal-enerġija
Kif	L-Istati Membri għandhom: - jaċċelleraw il-proċeduri tal-ħruġ ta' permessi u daww regolatorji permezz ta' traspożizzjoni u implimentazzjoni rapidi tal-leġiżlazzjoni; - isaħħu l-awtoritajiet nazzjonali tal-ħruġ ta' permessi, inkluż permezz ta' fondi pubbliċi u b'kapital uman suffiċjenti, u jesploraw approċċi unifikati ta' diġitalizzazzjoni għall-ħruġ ta' permessi u għar-rapporti tal-valutazzjonijiet ambjentali. Il-Kummissjoni se tappoġġa lill-Istati Membri billi: - tipproduċi gwida ddedikata dwar forom innovattivi ta' varar ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli⁴⁴ u dwar żoni ta' grilja u ta' ħżin iddedikati; - tniedi appoġġ iddedikat għall-implimentazzjoni billi testendi l-pjan ta' implimentazzjoni Accele-RES u, <i>inter alia</i>, jiġi sfruttat bis-siġh il-potenzjal tal-Grupp ta' Esperti dwar il-ħruġ ta' permessi u tal-Azzjoni Konċertata (CA-RES);⁴⁵ dan se jiġi ssupplimentat bi djalogu ta' implimentazzjoni biex jiġu identifikati l-ostakli li fadal għall-ħruġ ta' permessi u t-triq 'il quddiem possibbli; - issaħħaħ l-iskambju tal-aħjar Prattiki u l-identifikazzjoni ta' ostakli u soluzzjonijiet permezz ta' networks u gruppi ta' esperti tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għall-ħruġ ta' permessi u d-djalogu mal-partijiet ikkonċernati reġjonali, nazzjonali u lokali; - taġġorna għodda ta' gwida online dwar il-ħruġ ta' permessi għall-Istati Membri;⁴⁶ - tipprovdi appoġġ mill-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (TSI, Technical Support Instrument)⁴⁷, iżżid is-sensibilizzazzjoni fost l-Istati Membri dwar is-sejħa tal-2025 u t-tneċċja ta' inizjattiva ewlenija għidha tat-TSI fl-2026. Il-Kummissjoni se: - tressaq proposti leġiżlattivi biex taċċellera l-ħruġ ta' permessi għall-grilji, il-ħżin u s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, inkluż is-simplifikazzjoni tal-valutazzjonijiet ambjentali u t-tqassir tal-iskadenzi għall-permessi bħala parti mill-Pakkett Ewropew dwar il-Grilji; - tivvaluta s-simplifikazzjoni tal-prattiki ta' ħruġ ta' liċenzji għal teknoloġiji ġodda tal-enerġija nukleari u tippubblika Komunikazzjoni dwar l-SMR.

⁴⁴ Bħall-agri-PV, il-PVs integrati fil-bini (BIPV, building-integrated PV) u s-sistemi solari tal-gallerija.

⁴⁵ Azzjoni Konċertata dwar id-Direttiva dwar is-Sorsi ta' Enerġija Rinnovabbli (<https://www.ca-res.eu/>)

⁴⁶ [Għodda Q&A tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli](#)

⁴⁷ [Ir-Regolament \(UE\) 2021/240 li jistabbilixxi Istrument ta' Appoġġ Tekniku](#)

Meta	Malajr kemm jista' jkun: L-adattament tar-reġimi nazzjonali tal-ħruġ ta' permessi. Sa nofs l-2025: - il-pubblikazzjoni ta' data ġdida u aktar granulari dwar il-potenzjali għall-enerġija eolika lil hinn mill-kosta u għall-PV solari fuq il-Laboratorju Ġeografiku tal-Enerġija u l-Industrija (April 2025); - gwida dwar forom innovattivi ta' varar ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, u dwar iż-żoni ta' aċċellerazzjoni tal-grilja u tal-ħżin; - appoġġ għall-implimentazzjoni. Flimkien mal-Pakkett tal-Grilja: proposti leġiżlattivi għall-aċċellerazzjoni tal-proċessi tal-ħruġ ta' permessi għall-proġetti tal-grilja, tal-ħżin u tal-enerġija rinnovabbli. 2026: Sejħa ewlenija ġdida tat-TSI; Komunikazzjoni dwar l-SMR
Impatt	L-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE mill-Istati Membri u l-miżuri l-ġodda jistgħu jnaqqsu t-tul tal-proċeduri għall-ħruġ ta' permessi għal inqas minn 6 xhur għal proġetti aktar sempliċi bħar-repowering fiż-żoni ta' aċċellerazzjoni għall-enerġija rinnovabbli u 12-il xahar barra minnhom; inqas minn 12-il xahar jew sentejn għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli (fiż-żoni ta' aċċellerazzjoni jew barra minnhom) u; għal daww kumplessi bħall-enerġija eolika lil hinn mill-kosta, inqas minn sentejn fiż-żoni ta' aċċellerazzjoni għall-enerġija rinnovabbli u 3 snin barra minnhom. Barra minn hekk, il-qafas leġiżlattiv imsaħħaħ se jindirizza l-lakuni eżistenti.

c) Grilji u interkonnnetturi bħala faċilitaturi tat-tranżizzjoni tal-enerġija u d-dekarbonizzazzjoni industrijali

Network effiċjenti jiżgura li l-enerġija tgħaddi minn fejn tiġi prodotta sa fejn tkun meħtieġa. Dan itaffi l-episodji tal-ogħla prezzijiet u jiżgura li kulħadd jibbenefika mill-enerġija bl-aħjar kost. Għalhekk huwa importanti li ż-żoni b'potenzjal kbir ta' enerġija nadifa disponibbli jiġu interkonnessi ma' reġjuni Ewropej b'domanda għolja għall-enerġija, sabiex l-enerġija affordabbli tkun tista' titwassal fejn hija l-aktar meħtieġa.

EUR 584 biljun huma meħtieġa għal investimenti fil-grilji tal-elettriku f'dan id-deċennju.^{48,49} **Il-ħtiġijiet tal-infrastruttura transfruntiera spiss ma jkunux akkumpanjati minn proġetti konkreti**, li jwasslu għal disparitajiet mhux dovuti fil-prezzijiet bejn xi reġjuni, bħal daww osservati reċentement fix-Xlokk tal-Ewropa. L-Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER, Agency for the Cooperation of Energy Regulators) issib li **32 GW ta' kapaċità transfruntiera meħtieġa sal-2030 għadhom mhux indirizzati**⁵⁰ Proġetti infrastrutturali maġġuri ta' sinifikat reġjonali jew għall-UE kollha jiffaċċjaw sfidi fir-rigward taż-żieda fil-kostijiet tal-proġetti⁵¹ u kondivizzjoni ekwa tal-kostijiet u l-benefiċċji.⁵² Erba' eżempji ta' tali links ewlenin neqsin jinkludu:

- Il-ħolqien ta' network integrat lil hinn mill-kosta fl-Ibħra tat-Tramuntana;

⁴⁸ [Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Grilji \(COM \(2023\) 757 final\)](#)

⁴⁹ [Redispatch and Congestion Management](#); Iċ-Ċentru Kongunt tar-Riċerka, Mejju 2024.

⁵⁰ [Electricity infrastructure development to support a competitive and sustainable energy system](#); ACER, Diċembru 2024

⁵¹ Interkonnnettur Ċeltiku minn EUR 930M għal 1 482M ([CRE](#)), il-Golf tal-Biskalja minn EUR 1 750M sa 2 600M ([CRE](#)). Huwa rrapportat li l-kostijiet tal-Prinċipessa Elisabeth kibru minn madwar EUR 2,2 biljun għal EUR 7-8 biljun (Brussels Times: [1](#) u [2](#)).

⁵² FI-2024, [interkonnnettur SE-DE](#) ġie kkanċellat (ara [FT](#)) minħabba diskrepanza fid-distribuzzjoni żejda tal-konsumatur.

- It-tisħiħ ulterjuri tal-integrazzjoni fiżika tal-Istati Baltiċi mal-Ewropa Ċentrali u tat-Tramuntana wara s-sinkronizzazzjoni tal-Baltiku u l-iżgurar tas-sigurtà tal-infrastruttura transfruntiera fir-reġjun tal-Baħar Baltiku;
- Iż-żieda fil-livell ta' interkonnessjoni tal-Peniżola Iberika mal-bqija tal-Ewropa;
- Iż-żieda fl-interkonnettività u l-integrazzjoni tas-suq bejn l-Ewropa tax-Xlokk u dik Ċentrali.

Il-benefiċċji ta' dawn il-**proġetti ewlenin** se jespandu lil hinn mill-Istati Membri li jospitaw il-proġetti. Għalhekk, l-Unjoni tal-Enerġija tista' timmaterjalizza biss permezz tat-tfassil ta' proġetti ġodda u l-aċċellerazzjoni u t-tlestija ta' daww eżistenti. Minħabba l-iskala u l-impatt ta' dawn il-proġetti, huwa **essenzjali li l-UE tkompli tipprovdi finanzjament suffiċjenti** biex tappoġġa t-tlestija tal-interkonnetturi tal-Unjoni tal-Enerġija kemm fil-livell transfruntier kif ukoll f'dak nazzjonali. L-investiment biex jintlaħqu l-għanijiet ta' dekarbonizzazzjoni tal-UE u t-tneħħija tal-ostakli għall-Unjoni tal-Enerġija tagħna joffru l-opportunità għall-Ewropa biex tbaxxi l-prezzijiet tal-enerġija, iżżid is-sigurtà tal-enerġija tagħha u tieħu t-tmexxija f'teknoloġiji nodfa.⁵³ Barra minn hekk, il-Komunikazzjoni dwar it-triq lejn il-Qafas Finanzjarju Pluriennali⁵⁴ li jmiss irrikonoxxiet li jeħtieġ li niżguraw li l-baġit tal-UE jappoġġa l-beni pubbliċi Ewropej, b'mod partikolari l-proġetti transfruntiera.

Fl-istess ħin, l-infrastruttura eżistenti jeħtieġ li tintuża b'mod effiċjenti. Pereżempju, mill-inqas 70 % tal-kapaċità tal-interkonnetturi għandha tkun disponibbli għall-iskambju transfruntier tal-elettriku, iżda l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għadhom 'il bogħod minn din il-mira.⁵⁵

Fil-livell nazzjonali, **it-talbiet għall-konnessjoni mal-grilja għan-networks ta' distribuzzjoni qed jikbru b'mod esponenzjali** madwar l-Ewropa u joħlqu kjuwijiet twal, inaqqsu r-ritmu tal-enerġija rinnovabbli, l-elettrifikazzjoni u l-istabbiliment ta' raggruppamenti industrijali, u jfixxlu l-investimenti. Lil hinn mill-elettriku, huma meħtieġa networks ġodda **tal-idroġenu, tal-karbonju u tat-tisħin lokali**.

Xiex	L-aċċellerazzjoni tal-espansjoni, il-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-grilji
Kif	Filwaqt li tibni fuq l-azzjonijiet tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Grilja adottat fl-2023, il-Kummissjoni se tressaq Pakkett Ewropew dwar il-Grilja li jikkonsisti fi proposti leġiżlattivi u miżuri mhux leġiżlattivi biex, fost l-oħrajn, jissimplifika n-networks trans-Ewropej tal-enerġija (ir-Regolament TEN-E), jiżgura l-ippjanar integrat transfruntier u t-twettiq ta' proġetti, speċjalment dwar l-interkonnetturi, jissimplifika l-ħruġ ta' permessi, itejjeb l-ippjanar tal-grilja tad-distribuzzjoni, jagħti spinta lid-diġitalizzazzjoni u l-innovazzjoni kif ukoll iżid il-viżibbiltà tal-ħtiġijiet tal-provvista tal-manifattura. Dan se jsegwi approċċ ta' ppjanar minn fuq għal isfel, li jintegra l-interessi reġjonali u tal-UE u jiżviluppa mekkaniżmu effettiv għall-kondiviżjoni tal-kostijiet (eż. għal proġetti transfruntiera), għal sistema tal-enerġija ottimizzata. Il-BEI se jintroduċi wkoll "pakkett tal-manifattura tal-grilja" għall-katina tal-provvista Ewropea, immudellat fuq il-Pakkett dwar ir-Riħ, biex jipprovdi kontrogaranzji lill-manifatturi tal-komponenti tal-grilja, b'ammont indikattiv ta' mill-inqas EUR 1,5 biljun.

⁵³ [Il-perkors lejn il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss](#) (COM(2025) 46 final, paġni 5 u 8)

⁵⁴ [Ir-Reġistru ta' Dokumenti tal-Kummissjoni](#) (COM(2025) 46)

⁵⁵ Ħafna TSOs f'żoni interkonnessi tal-grilja tal-elettriku tal-UE għamli disponibbli, bħala medja, bejn 20 % u 50 % tal-kapaċità fiżika ta' ċerti elementi tan-network fl-2023. Għalhekk, huma 'l bogħod milli jilħqu s-70 %. [Cross-zonal capacities and the 70% margin available for cross-zonal electricity trade](#); ACER, Lulju 2023

Meta	Il-Pakkett Ewropew dwar il-Grilja għandu jittressaq sat-T1 tal-2026.
Impatt	L-investiment ta' EUR 2 biljun fis-sena f'networks transfruntiera jipprovdi EUR 5 biljun f'benefiċċji għaċ-ċittadini kull sena. ⁵⁶ L-investimenti antiċipatorji, l-eċċellenza fil-prestazzjoni tal-assi u l-flessibbiltà li tiffavorixxi l-grilja, jistgħu jnaqqsu l-ħtiġijiet ta' investiment relatati mal-grilja ta' distribuzzjoni b'EUR 12-il biljun fis-sena, ⁵⁷ li jirrappreżentaw 18 % tal-ħtiġijiet ta' investiment totali. ⁵⁸ Il-prijoritizzazzjoni tal-benefiċċji reġjonali jew tal-UE fil-pjanijiet nazzjonali tillimita l-inefficijenzi u l-kostijiet mhux meħtieġa li għandhom jiġġarrbu mill-konsumaturi. Il-varar ta' teknoloġiji li jtejbju l-grilja mhuwiex mifruq, filwaqt li jistgħu jespandu l-kapaċità tan-network b'20-40 % sal-2040 u jiffrankaw sa 35 % fil-kostijiet tal-espansjoni tal-grilja konvenzjonali. ⁵⁹

d) *It-tisħiħ tal-flessibbiltà*

Aktar flessibbiltà fis-sistema, pereżempju **bil-ħżin u r-rispons għad-domanda**, tgħin fil-ġestjoni tal-iżbilanċi fid-domanda u fil-provvista billi tteġġeg lill-klijenti jċaqilqu l-konsum tal-elettriku għal żminijiet meta l-elettriku jkun aktar abbondanti jew meta d-domanda tkun aktar baxxa, u għalhekk meta l-elettriku jkun orħos. Dan inaqas **iż-żidiet qawwija fil-prezzijiet u episodji negattivi tal-prezzijiet**, inaqas il-volatilità u jikkontribwixxi b'mod ġenerali għal prezzijiet tal-elettriku aktar baxxi u aktar stabbli. Id-domanda elettrifikata bħal flotot ġodda tal-elettromobbiltà jista' jkollha rwol fl-għoti ta' servizzi ta' flessibbiltà.

F'ħafna Stati Membri, ir-rispons għad-domanda u l-ħżin jiffaċċjaw ostakli⁶⁰ għall-aċċess għas-swieq bl-ingrossa, jew għall-parteċipazzjoni f'servizzi anċillari u ta' ġestjoni tal-konġestjoni. F'10 Stat Membri, l-aggregaturi ma għandhomx qafas legali definit kif xieraq, li jżommhom milli jipparteċipaw f'dawk is-servizzi li jistgħu jgħinu biex jipprovdu benefiċċji lill-konsumaturi. F'10 Stat Membri, inqas minn 30 % tal-unitajiet domestiċi għandhom aċċess għal **sistemi ta' kejl intelliġenti** (li jipprovdu informazzjoni f'ħin reali dwar il-konsum tal-enerġija). L-introduzzjoni jeħtieġ li tiġi aċċellerata.⁶¹ Xi konsumaturi industrijali jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-flessibbiltà tal-grilja billi jċaqilqu l-użu tal-enerġija tagħhom għal perjodi ta' domanda baxxa, inaqqsu l-kostijiet u jtejbju l-istabbiltà tas-sistema.

Xiex	Żieda fil-flessibbiltà tas-sistema permezz tal-użu tal-ħżin u tar-rispons tad-domanda
Kif	Jeħtieġ li l-Istati Membri: - jimplimentaw malajr ir-regoli tal-UE dwar l-aċċess għas-suq għall-ħżin u r-rispons għad-domanda u jneħħu l-ostakli nazzjonali. Il-Kummissjoni se: - tiċċara r-rekwiżiti ta' għajjnuna mill-Istat għal skemi ta' flessibbiltà mhux fossili fil-qafas il-ġdid tal-għajjnuna mill-Istat, u tagħmilha aktar faċli għall-Istati Membri biex ifasslu l-mekkaniżmi ta' appoġġ tagħhom biex jagħtu lill-

⁵⁶ [System needs study](#); ENTSO-E, Mejju 2023. 64 GW jinkludu pajjiżi periferiċi mhux tal-UE.

⁵⁷ [The role of electricity distribution systems in assessing flexibility needs](#); Iċ-Ċentru Kongunt tar-Riċerka, 2024

⁵⁸ [Grids for Speed](#); Eurelectric, Mejju 2024

⁵⁹ Barra minn hekk, teknoloġiji bħas-sensuri tat-temp jistgħu jgħinu biex itejbju t-tħaddim tas-sistema tal-elettriku.

⁶⁰ [Demand response and other DER: what barriers are holding them back](#); ACER, Frar 2024

⁶¹ [2024 Market Monitoring Report on Energy Retail and Consumer Protection](#); ACER u CEER, Settembru 2024

	konsumaturi l-inċentiv li jipprovdu flessibbiltà lis-sistema; - tadotta regoli ġodda dwar ir-rispons tad-domanda biex tiżgura li l-konsumaturi jkunu jistgħu jieħdu vantaġġ finanzjarju sħiħ mill-flessibbiltà. Dawn ir-regoli se jindirizzaw l-ostakli li fadal li jfixxlu r-rispons għad-domanda u s-servizzi tal-ħżin fis-suq intern tal-elettriku; - tfittex il-fehmiet tal-Istati Membri dwar strument ta' flessibbiltà nadifa bbażat fuq il-PPAs u l-industrija li timpenja ruħha li tikkonsma elettriku nadif, filwaqt li tfasslu b'mod li jillimita b'mod suffiċjenti r-riskji ta' distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u tlielaq għas-sussidji fis-Suq Uniku, kif meħtieġ mir-regoli dwar l-ġhajjnuna mill-Istat.
Meta	L-Istati Membri għandhom ineħħu l-ostakli nazzjonali immedjatament. Il-qafas rivedut tal-Kummissjoni skont ir-regoli dwar l-ġhajjnuna mill-Istat sat-T2 tal-2025; regoli ġodda dwar ir-rispons għad-domanda sat-T1 tal-2026.
Impatt	It-twassil sħiħ ta' sistema tal-elettriku mirfuda mill-integrazzjoni tas-suq, il-ġenerazzjoni rinnovabbli u l-kapaċità flessibbli jista' jirriżulta fi prezzijiet tal-elettriku bl-ingrossa ta' 40 % aktar baxxi bħala medja fl-UE . ⁶² Aktar flessibbiltà tista' tipprovdi ffrankar tanġibbli tal-kostijiet, bi stimi tal-industrija li juru EUR 2,7 biljun fis-sena f'kapaċità ta' ġenerazzjoni massima evitata sal-2030 . ⁶³

Il-flessibbiltà tad-domanda għandha tiġi promossa wkoll fis-suq bl-imnut bħala ftehim li joffri prezzijiet aktar baxxi għall-industriji volontarji u għall-konsumaturi li lesti jipparteċipaw fl-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija.

Xiex	Gwida dwar il-promozzjoni tar-rimunerazzjoni tal-flessibbiltà fil-kuntratti bl-imnut
Kif	Il-Kummissjoni se: - tiżviluppa gwida dwar il-promozzjoni tar-rimunerazzjoni tal-flessibbiltà fil-kuntratti bl-imnut; - tressaq varjetà ta' sistemi standardizzati ta' konformità bbażati fuq is-suq imfassla għal ħtiġijiet industrijali u oħrajn tal-konsumatur differenti, li jibnu fuq sistemi diġà fis-seħħ f'xi Stati Membri.
Meta	T4 2025
Impatt	Remunerazzjoni ġusta fil-kuntratti bl-imnut ta' flessibbiltà pprovduta mill-konsumaturi tista' tnaqqas il-kostijiet tal-elettriku tagħhom sa 12-42 % ^{64,65} u ġġib magħha flessibbiltà u benefiċċji għall-integrazzjoni tas-sistema ta' EUR 10-29 biljun . ^{66,67}

⁶² [Energy and climate transition: How to strengthen the EU's competitiveness](#); Business Europe, Lulju 2024

⁶³ [Demand-side flexibility: Quantification of benefits in the EU](#); DNV għal smartEn, Settembru 2022

⁶⁴ [2024 Market monitoring report on energy retail and consumer protection](#); ACER-CEER, Settembru 2024 (studju tal-każ SE)

⁶⁵ Il-bieċa l-kbira tal-unitajiet domestiċi li jinvestu firxiet annwali ta' EUR 50-145 f'sistemi tal-ġestjoni tal-enerġija fid-dar (HEMS, home energy management systems) li jagħmlu użu minn sistemi tal-enerġija flessibbli (bħal pompi tas-sħana b'PVs, PVs b'ħażna tal-batteriji jew vetturi elettriċi), jiksibu ffrankar tal-kostijiet. [Dodging the electricity price hike: Can demand-side flexibility compensate for spot price increases for households in Germany?](#); Stute *et al* (L-Istitut tar-Riċerka ta' Fraunhofer), Frar 2024

⁶⁶ [Energy efficiency 2.0 – Engineering the future energy system](#); Danfoss Impact Issue nru. 4, 2023

⁶⁷ [Demand-side flexibility: Quantification of benefits in the EU](#); DNV għal smartEn, Settembru 2022

Azzjoni 3: L-iżgurar ta' swieq tal-gass li jiffunzjonaw tajjeb

Il-prezz tal-gass naturali importat għandu impatt dirett fuq il-prezzijiet tal-elettriku u jżid il-volatilità tas-suq. Il-prezzijiet tal-gass bl-ingrossa tal-UE ma reġgħux lura kompletament għal-livelli ta' qabel il-kriżi u bħala medja huma kważi ħames darbiet aktar minn dawk fl-Istati Uniti, meta mqabbla mad-doppju għat-tripplu qabel il-kriżi.⁶⁸ Din id-differenza fil-prezzijiet taffettwa l-kompetittività tal-industrija Ewropea.

L-importanza tas-swieq tal-gass għall-ekonomija tagħna tagħmilha essenzjali li jiġi żgurat funzjonament ottimali ta' dawk is-swieq. Sorveljanza regolatorja sħiħa u kooperazzjoni mill-qrib bejn ir-regolaturi tal-enerġija u dawk finanzjarji huma meħtieġa biex tiġi evitata l-manipulazzjoni tas-suq u sabiex tingħalaq kwalunkwe lakuna possibbli relatata ma' kwalunkwe nuqqas ta' trasparenza, assimetrija tal-informazzjoni u riskju ta' konċentrazzjoni tas-suq. Għalhekk, aktar kmieni dan ix-xahar, il-Kummissjoni stabbilit Task Force għas-Suq tal-Gass biex tiskrutinizza b'mod komprensiv is-swieq tal-gass naturali tal-UE u, meta meħtieġ, tiegħu azzjoni biex tiżgura l-funzjonament ottimali tagħhom u tipprevjeni prattiki kummerċjali li jfixxlu l-ipprezzar ibbażat fuq is-suq, filwaqt li titgħallim mill-kriżi enerġetika.

Sabiex ikunu jistgħu jindirizzaw l-imġiba illegali fis-swieq tal-gass b'mod rapidu, ir-regolaturi tal-enerġija u dawk finanzjarji għandhom ikunu mgħammra b'mod effettiv biex jimmonitorjaw l-iżviluppi tas-suq, jidentifikaw u jsejwu kwalunkwe każ potenzjali ta' abbuż tas-suq (jiġifieri manipulazzjoni tas-suq u abbuż minn informazzjoni privileġġata). Il-kooperazzjoni dwar l-infurzar u l-kondiviżjoni tad-data bejn ir-regolaturi nazzjonali tal-enerġija u dawk finanzjarji u bejn l-ACER u l-ESMA jeħtieġ li tissaħħaħ u tittieħed għal-livell li jmiss. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet regolatorji jkollhom is-setgħat kollha meħtieġa biex isegwu u jissanzjonaw l-abbuż tas-suq, u biex jgħammruhom bir-riżorsi sabiex jipprijoritizzaw l-investigazzjonijiet f'dan il-qasam. Barra minn hekk, l-ACER għandha tuża bis-sħiħ is-setgħat investigattivi transfruntiera l-ġodda tagħha biex tappoġġa lir-regolaturi nazzjonali tal-enerġija.

Xiex	L-iżgurar ta' swieq tal-gass li jiffunzjonaw tajjeb
Kif	Aktar kmieni dan ix-xahar, il-Kummissjoni stabbilit Task Force għas-Suq tal-Gass biex tiskrutinizza b'mod komprensiv is-swieq tal-gass naturali tal-UE u, fejn meħtieġ, tiegħu azzjoni sabiex tiżgura l-funzjonament ottimali tagħhom tas-suq u tipprevjeni prattiki kummerċjali li jfixxlu l-ipprezzar ibbażat fuq is-suq, filwaqt li titgħallim mit-tagħlimiet mill-kriżi enerġetika. Il-Kummissjoni se tniedi konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet ikkonċernati biex tivvaluta l-ħtieġa għal aktar bidliet leġislattivi sabiex tiżgura sorveljanza regolatorja sħiħa u bla xkiel, tallinja u ssaħħaħ ir-regoli tas-suq tal-enerġija u dak finanzjarju (MiFID/REMIT), u tnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-kumpaniji li jinnegozjaw fis-swieq finanzjarji għall-enerġija (rapportar uniku). Din se tkopri diversi aspetti tal-istruttura regolatorja ⁶⁹ , l-approċċ superviżorju konġunt mir-regolaturi tal-enerġija u dawk finanzjarji u l-ħolqien ta' bażi tad-data armonizzata

⁶⁸ [Decarbonising for competitiveness: four ways to reduce European energy prices](#); Bruegel, Diċembru 2024.

Ta' min jinnota li l-Istati Uniti tgħodd b'estraxxjoni domestika sinifikanti tal-gass naturali u għalhekk huwa mistenni li għandha prezzijiet bl-ingrossa tal-gass parzjalment aktar baxxi mill-UE.

⁶⁹ Inklużi l-parametri li jirregolaw l-applikazzjoni tal-hekk imsejja eżenzjoni tal-attività anċillari, ir-regoli dwar l-interrutturi taċ-ċirkwit u l-limiti ta' pożizzjoni, ir-rekwiżiti li japplikaw għaċ-ċentri tan-negozjar u l-parteċipanti fis-suq, kif ukoll ċerti aspetti tal-funzjonament tas-swieq spot (eż. l-applikazzjoni ta' rekwiżiti simili għal dawk tal-ġabra ta' regoli finanzjarji għall-iskoperta tal-iskambji tal-enerġija).

	konġunta tad-data tas-suq rilevanti kollha b'aċċess sħiħ għar-regolaturi kollha. Se tkopri wkoll ċerti aspetti tal-funzjonament tas-swieq spot, bħall-applikazzjoni ta' rekwiżiti simili għal dawk tal-ġabra ta' regoli finanzjarji biex jiġu identifikati l-iskambji tal-enerġija.
Meta	Il-ħidma tat-Task Force għas-Suq tal-Gass se tiġi konkluża sat-T4 tal-2025
Impatt	L-evoluzzjoni tal-kuntratti tal-importazzjoni tal-gass mill-indiċjar taż-żejt għall- ipprezzar tas-suq tal-gass diġà ffrankat lill-UE madwar EUR 67 biljun matul l-aħħar deċennju. ⁷⁰ L-integrazzjoni tas-suq tal-gass tal-UE toħloq benefiċċji netti fil-konverġenza u t-trasparenza tal-prezzijiet. ⁷¹ It-Task Force għas-Suq tal-Gass se tiffoka fuq l-iżgurar ta' swieq tal-gass li jiffunzjonaw tajjeb u formazzjoni tal-prezzijiet ibbażata fuq is-suq f'dawn is-swieq.

Għandhom jiġu esplorati alternattivi għall-importazzjonijiet tal-gass naturali meta jkun possibbli, b'mod partikolari permezz tal-elettrifikazzjoni jew it-tisħiħ tal-produzzjoni tal-bijogass u tal-bijometan f'konformità mar-REPowerEU. L-aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri konġunt jista' jkollhom rwol b'saħħtu fl-aċċellerazzjoni tal-ħolqien tas-suq għas-sorsi tal-enerġija u l-materjali meħtieġa għall-produzzjoni tal-enerġija nadifa. Billi jaggregaw id-domanda tagħhom u jadottaw strateġiji ta' xiri konġunt f'konformità mar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE, ix-xerrejja tal-UE jistgħu jisfruttaw il-piż ekonomiku kollettiv tagħhom, isaħħu l-pożizzjoni tan-negozjar tagħhom u jinnegozjaw termini aħjar mal-fornituri. Dan l-approċċ ġie adottat ukoll mill-Ġappun, li għandu politika fit-tul ta' appoġġ għall-investimenti fl-infrastruttura tal-esportazzjoni f'pajjiżi li jipproduċu l-gass naturali likwifikat (LNG, liquefied natural gas). Il-kapaċità tal-akkwist konġunt tal-UE għandha tiġi sfruttata billi tiġi esplorata l-għażla ta' impenji kuntrattwali aktar fit-tul biex il-prezzijiet isiru aktar stabbli, pereżempju billi jiġu żgurati drittijiet ta' likwefazzjoni tal-gass jew għażliet ta' xiri. Fid-dawl tal-kompetittività, tal-kunsiderazzjonijiet ġeopolitiċi u tal-għanijiet klimatiċi tal-UE, l-UE u/jew l-Istati Membri jistgħu jakkumpanjaw ukoll lill-importaturi tal-UE biex jinvestu direttament fl-infrastruttura tal-esportazzjoni barra mill-pajjiż, filwaqt li jipprovdu self preferenzjali lil investituri privati.

Barra minn hekk, koordinazzjoni aħjar fost l-Istati Membri u trajettorji għall-mili aktar flessibbli, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, jistgħu jgħinu biex jitnaqqas l-istress tas-sistema u jiġu evitati distorsjonijiet tas-suq marbuta mal-mili mill-ġdid tal-ħżin tal-gass, filwaqt li jappoġġaw il-mili mill-ġdid b'kundizzjonijiet aħjar ta' xiri u s-sigurtà tal-provvista.

Xiex	L-isfruttar tal-kapaċità tal-akkwist tal-UE biex jinkiseb ftehim aħjar għall-gass naturali importat
Kif	Il-Kummissjoni se: - tinvolvi ruħha minnufih ma' fornituri affidabbli tal-LNG biex tidentifika importazzjonijiet addizzjonali kompetittivi f'termini ta' kostijiet minn proġetti eżistenti u futuri tal-esportazzjoni tal-LNG; - tipproponi, fost l-oħrajn, aggregazzjoni tad-domanda għall-kumpaniji tal-UE li jidħlu fi ftehimiet ta' tolling fl-impjanti tal-LNG madwar id-dinja u kuntratti tal-għażla tal-provvista tal-LNG ma' produttori fdati tal-LNG; - tesplora għażliet li jmorru lil hinn mill-aggregazzjoni tad-domanda u se teżamina approċċi oħra (eż. il-mudell Ġappuniż).

⁷⁰ [Despite short-term pain, the EU's liberalised gas markets have brought long-term financial gains](#); AIE, 2021

⁷¹ [European natural gas markets: taking stock and looking forward](#); Chyong, Marzu 2019

Meta	T1-T2 2025
Impatt	Opportunitajiet aħjar għax-xerrejja tal-UE biex jiżguraw volumi tal-LNG taħt kuntratti fit-tul jistgħu jipproteġu kontra l-volatilità tal-prezzijiet u jipprovdu aċċess għal prezzijiet aktar baxxi, li jqarrbu l-prezzijiet tal-UE lejn il-prezzijiet tas-suq dinji. Il-protezzjoni tax-xerrejja tal-UE kontra l-volatilità tal-prezzijiet tal-fjuwils fossili tista' twassal għal tnaqqis sinifikanti fuq terminu qasir fil-prezzijiet bl-imnut.

Azzjoni 4: Effiċjenza enerġetika – inwasslu ffrankar tal-enerġija

L-effiċjenza enerġetika hija kontributur ewlieni għall-enerġija affordabbli fl-industrija u fl-unitajiet domestiċi, u għall-kompetittività industrijali. Dan jillimita l-impatt tal-prezzijiet għoljin u volatili tal-enerġija fuq il-kontijiet tal-konsumaturi. L-industrija tal-UE naqqset il-konsum tal-enerġija tagħha b'madwar 20 % mill-2000, filwaqt li żiedet il-produzzjoni industrijali. Sabiex jiġu indirizzati l-isfidi li qed tiffaċċja l-UE, iridu jiġu sfruttati s-soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika. It-trawwim ta' suq uniku għas-servizzi tal-effiċjenza enerġetika se jgħin lill-Ewropej jibbenefikaw minn servizzi li jistgħu jgħinuhom inaqqsu l-kontijiet tal-enerġija tagħhom bl-aħjar kost, b'mod partikolari dawk li għandhom kost inizjali għoli.⁷² Suq imtejjeb għall-fornituri tal-effiċjenza enerġetika jista' jgħin lil aktar kumpaniji jiksibu pariri dwar soluzzjonijiet effiċjenti, pereżempju, għall-użu mill-ġdid tas-sħana tal-proċess tagħhom.

Xiex	Suq tal-effiċjenza enerġetika ta' dimensjoni Ewropea
Kif	Permezz tal- Koalizzjoni Ewropea għall-Finanzjament tal-Effiċjenza Enerġetika , il-Kummissjoni se ttejjeb l-aċċess għall-kapital u tipprovdi inċentivi finanzjarji biex tappoġġa lill-atturi tas-suq li jipprovdu soluzzjonijiet ta' effiċjenza enerġetika għan-negozji. Il-Kummissjoni se tesplora appoġġ ulterjuri għall-programm tal-Grupp tal-BEI għall-effiċjenza enerġetika fl-SMEs , li għandu l-oġettiv li jżid il-kompetittività tal-SMEs Ewropej, jippromwovi l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet effiċjenti fl-enerġija u rinnovabbli u jibni r-reżiljenza għall-klima. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Grupp tal-BEI, se tesplora l-istabbiliment ta' skema ta' garanzija tal-UE bl-għan li tirdoppja s-servizzi tal-effiċjenza enerġetika. Proġett pilota , potenzjalment parti mill-operazzjoni ta' taħlit tal-InvestEU ma' LIFE CET għall-assistenza teknika, huwa previst fl-2026. Dan se jirrikjedi riżorsi addizzjonali ta' InvestEU, li għandhom jinkisbu billi jiġi ottimizzat l-użu tal-garanzija tal-UE attwalment disponibbli f'diversi mandati tal-UE, inklużi mandati mill-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti.
Meta	L-ewwel pjan ta' azzjoni għal skema ta' garanzija fit-T4 tal-2025. It-tnedija tas-sħubija fit-T3 tal-2025. Valutazzjoni ta' suq għall-UE kollha għal skema ta' ċertifikazzjoni tal-iffrankar tal-enerġija sat-T4 tal-2025.
Impatt	Żieda fl-offerta ta' soluzzjonijiet ta' finanzjament għall-prodotti tal-effiċjenza enerġetika. Dan se jseħħ permezz tas-servizzi tal-kumpanija ta' servizzi tal-enerġija (ESCO, energy service company) ⁷³ , bl-għan li s-suq tal-ESCO jiġi rduppjat sa EUR

⁷² Il-finanzjament tal-UE għall-miżuri tal-effiċjenza enerġetika fl-akkomodazzjonijiet, l-intrapriżi u l-infrastruttura pubblika permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Politika ta' Koeżjoni (l-allokazzjoni taħt il-QFP attwali) ammonta għal EUR 4,9 biljun għas-sistemi intelliġenti tal-enerġija, EUR 8,9 biljun għall-enerġija rinnovabbli u EUR 21,8 biljun għall-enerġija.

⁷³ Kumpanija ta' Servizzi tal-Enerġija (ESCO) hija organizzazzjoni li toffri servizzi tal-enerġija inkluż l-implimentazzjoni ta' proġetti tal-effiċjenza enerġetika jew proġetti tal-enerġija rinnovabbli, ta' spiss fuq bażi ta' turn-key.

4-6 biljun fis-sena, li possibbilment jippermetti lill-konsumaturi jiġġeneraw iffrankar fil-medda ta' 25-30 % għar-rinnovazzjonijiet tal-bini u sa 70-80 %⁷⁴ fit-tidwil pubbliku li jnaqqas il-kontijiet tal-enerġija.

It-tieni, **il-prodotti effiċjenti fl-enerġija jbaxxu l-kontijiet tal-enerġija immedjatament**. Madankollu, il-ħafna prodotti mhux konformi importati minn pajjiżi mhux tal-UE jagħmlu ħsara lill-kompetittività tal-fornituri tal-UE u jnaqqsu l-benefiċċji għaċ-ċittadini u n-negozji.

Xiex	Il-konsumaturi jingħataw aċċess għal apparati u prodotti aktar effiċjenti b'ħajja itwal
Kif	L-Istati Membri, l-awtoritajiet nazzjonali tas-sorveljanza tas-suq u doganali għandhom isaħħu s-sorveljanza u l-infurzar tas-suq nazzjonali , inkluż għad-dwana u għas-swieq online. F'konformità mal-Komunikazzjoni dwar il-kummerċ elettroniku, l-UE tappoġġa l-azzjonijiet tagħhom u aktar involviment mas-swieq online. Il-Kummissjoni se taġġorna r-regoli tal-UE dwar it-tikkettar tal-enerġija u l-ekodisinn , tikkondividi l-aħjar prattiki, ittejjeb l-għodod tal-IT ⁷⁵ u tiffaċilita l-konformità mill-operaturi permezz ta' informazzjoni u gwida aktar ċari. L-Istati Membri għandhom iqisu li jużaw inċentivi għall-konsumaturi biex jissostitwixxu l-apparati domestiċi qodma tagħhom b'alternattivi effiċjenti fl-użu tal-enerġija.
Meta	Immedjatament
Impatt	Ir-regoli tas-suq uniku tal-UE għall-apparat u l-prodotti effiċjenti fl-enerġija huma stmati li fl-2023 wasslu għal iffrankar ta' madwar EUR 120 biljun fil-kontijiet tal-enerġija , li huwa stmat li se jitle' għal madwar EUR 162 biljun fl-2030 . ⁷⁶ Madankollu, huwa stmat li 10 % (jiġifieri aktar minn EUR 10 biljun) xorta jintilfu kull sena minħabba l-bejgħ ta' prodotti li mhumiex konformi. ⁷⁷

Pilastru II: Tlestija tal-Unjoni tal-Enerġija

Minkejja s-suċċess tagħna fil-bini ta' suq tal-enerġija interkonness, Unjoni tal-Enerġija vera għadha fil-proċess. Hekk kif l-UE qed tiffaċċja kostijiet tal-enerġija li qed jiżdiedu u li jpoġġu piż fuq l-unitajiet domestiċi u jimpedixxu l-kompetittività industrijali – b'impatt partikolari fuq is-setturi intensivi fl-enerġija – il-ħtieġa għal approċċ trasformattiv hija evidenti. Huwa għalhekk li jeħtieġ li nkomplu naħdmu fuq miżuri strutturali fit-tul li se jwasslu għal enerġija aktar nadifa u orħos li neħtieġu, u li se jwassluna aktar f'Unjoni tal-Enerġija ġenwina, inkluż żieda fl-investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni għal soluzzjonijiet ta' enerġija nadifa. L-UE trid tavvanza lejn l-elettrifikazzjoni u suq uniku integrat bis-sħiħ għall-enerġija, filwaqt li tikseb għanijiet ta' interkonnessjoni u tingrana l-komplementarjetajiet fost l-Istati Membri biex tinholq Unjoni tal-Enerġija ġenwina li tkun ta' benefiċċju għal kulħadd.

Dan il-Pjan ta' Azzjoni huwa l-ewwel pass lejn aktar interkonnessjoni u aktar integrazzjoni. Huwa għalhekk li fix-xhur li ġejjin, il-Kummissjoni se tniedi sensiela ta' inizjattivi li

⁷⁴ [Energy Performance Contracting in the EU – 2020-2021](#); JRC, 2021

⁷⁵ <https://eprel.ec.europa.eu/screen/home>; <https://webgate.ec.europa.eu/single-market-compliance-space/market-surveillance>

⁷⁶ Ir-Rapport tal-2024 dwar l-Istatus tal-Kontabbiltà tal-Impatt tal-Ekodisinn, <https://circabc.europa.eu/ui/group/418195ae-4919-45fa-a959-3b695c9aab28/library/b29b3be3-8085-4e2f-8095-74ad98d9166c/details>, it-Tabella 2 u l-Illustrazzjoni 2.

⁷⁷ [Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pjan ta' Ħidma dwar l-Ekodisinn u t-Tikkettar tal-Enerġija 2022-2024](#) (2022/C 182/01)

għandhom l-għan li jsaħħu l-governanza tal-Unjoni tal-Enerġija, jintroduċu enerġija nadifa, itejbu s-sigurtà tal-provvista tagħna, u jnaqqsu l-kontinġent ta' ċittadini u tan-negozji.

Azzjoni 5: Tlestija tal-Unjoni tal-Enerġija

Filwaqt li jibni fuq is-suċċess tal-Pjan REPowerEU, li ta spinta lill-ġenerazzjoni tal-enerġija nadifa u lill-provvisti tal-enerġija diversifikati, **Pjan ta' Azzjoni ġdid għall-Eletrifikazzjoni (T1 2026) u Strateġija għat-Tisħin u t-Tkessiġ (T1 2026)** se jkompli jappoġġaw dawn l-oġġettivi. L-eletrifikazzjoni ambizzjuża tas-sistema tal-enerġija u l-espanzjoni ta' sorsi ta' ġenerazzjoni nadifa **se jżidu l-effiċjenza enerġetika tas-settur tal-enerġija** kollu kemm hu, jgħinu fid-dekarbonizzazzjoni tas-setturi industrijali, tal-mobbiltà u tat-tisħin u t-tkessiġ u **jappoġġaw l-użu tal-produzzjoni tal-enerġija nadifa u domestika**. Sal-2030, dawn l-inizjattivi se jnaqqsu d-dipendenza tagħna fuq il-fjuwils fossili, u potenzjalment se jiffrankaw biljuni kull sena. Il-krediti tat-taxxa għall-eletrifikazzjoni industrijali jistgħu jippromwovu l-eletrifikazzjoni u jgħinu lill-industrija tal-UE ssir aktar kompetittiva billi jappoġġaw l-affordabbiltà ta' tali tagħmir, iżidu l-bejgħ u jhegħgu l-adozzjoni tal-konsumatur.

Id-diġitalizzazzjoni hija sors ieħor ta' ffrankar għall-konsumaturi, iżda wkoll vulnerabbiltà potenzjali. Il-Kummissjoni se tadotta **Pjan Direzzjonali Strateġiku għad-Diġitalizzazzjoni u l-Intelliġenza Artifiċjali (IA) għas-Settur tal-Enerġija fl-2026** biex taċċellera l-introduzzjoni ta' soluzzjonijiet Ewropej tal-IA f'oqsma bħall-ottimizzazzjoni tal-grilja tal-elettriku, l-effiċjenza enerġetika fil-bini u fl-industrija, u l-flessibbiltà min-naħa tad-domanda. Barra minn hekk, se trawwem ir-riċerka u l-innovazzjoni mmexxija mill-IA billi tgħaqqad in-negozji ġodda mal-kumpaniji tal-enerġija filwaqt li tiżgura salvagwardji robusti għaċ-ċibersigurtà, il-privatezza u s-sikurezza tad-data. Il-Kummissjoni se **teżamina wkoll iż-żieda fil-konsum tal-enerġija taċ-ċentri tad-data**^{78,79} u se tippromwovi l-integrazzjoni sostenibbli tagħhom fis-sistema tal-enerġija. Iċ-ċentri tad-data jistgħu jżidu l-pressjoni fuq is-sistema tal-enerġija u jixprunaw iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, speċjalment meta titqies il-kapaċità taċ-ċentri tad-data li jissuperaw lil konsumaturi oħra tal-enerġija għall-aċċess għall-enerġija.

Fl-istess ħin, il-Pjan Strateġiku tal-UE għat-Teknoloġija tal-Enerġija (Pjan SET) jgħin biex tiġi indirizzata l-frammentazzjoni attwali fil-portafolli tar-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-UE għall-enerġija nadifa u l-eletrifikazzjoni. Għad iridu jiġu intensifikati l-isforzi biex tintlaħaq il-mira tan-nefqa pubblika u privata tal-UE ta' 3 % tal-PDG.^{80,81} Il-Kummissjoni se trawwem l-innovazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-koordinazzjoni mal-Istati Membri permezz tal-Grupp ta' Tmexxija tal-Pjan SET stabbilit mill-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti.⁸² Barra minn hekk, biex tiġi appoġġata l-fużjoni bħala sors tal-enerġija innovattiv u dekarbonizzat għall-futur, se tiġi proposta **Strateġija tal-Fużjoni**, inkluż il-ħolqien ta' Sħubija Pubblika-Privata (SPP) biex tithaffet il-kummerċjalizzazzjoni.

Biex tilħaq il-miri tagħha dwar l-enerġija u l-klima, l-UE teħtieġ aktar minn EUR 570 biljun fis-sena bejn l-2021 u l-2030 u EUR 690 biljun fis-sena mill-2031 sal-2040 għal investimenti fl-enerġija rinnovabbli, inklużi solari, eolika u l-bijomassa, l-effiċjenza enerġetika u l-kapaċità tal-grilja. Il-Kummissjoni se tivvaluta wkoll il-ħtiġijiet ta' investiment fl-enerġija

⁷⁸ L-infrastruttura diġitali tammonta għal madwar 3,5 % tal-użu tal-elettriku fl-UE, b'ċentri tad-data responsabbli għal madwar 70 %. [Energy consumption in data centres and broadband communication networks in the EU](#); JRC, 2024

⁷⁹ [Why European data centres are set for major growth](#); Morgan Stanley & Co., Lulju 2024

⁸⁰ [Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 ta' Marzu 2023 \(EUCO 4/23\)](#)

⁸¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-Pjan SET (COM(2023) 634 final)

⁸² [Ir-Regolament \(UE\) 2024/1735 dwar l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti](#)

nukleari⁸³ u trawwem l-investiment fit-teknoloġiji tal-enerġija nadifa tal-ġenerazzjoni li jmiss, bħall-fużjoni nukleari, il-batteriji ġeotermali u fi stat solidu mtejbja, kif ukoll fil-kapaċitajiet eżistenti bħal pereżempju għar-rinnovazzjoni. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-investimenti jeħtieġ li jiġu minn kapital privat – il-finanzjament pubbliku jeħtieġ li jkun immirat aħjar biex jingrana l-investimenti privati billi jitneħħew ir-riskji mill-proġetti strateġiċi b'mod partikolari permezz ta' strumenti ta' garanzija u ekwità. Il-Kummissjoni se tindirizza d-diskrepanza fl-investiment u timmobilizza l-kapital privat għat-tranżizzjoni tal-enerġija bi **Strateġija ta' Investiment għal Enerġija Nadifa** u se tippreżenta **Programm Indikattiv Nukleari** (PINC, Nuclear Illustrative Programme) **aġġornat**.

Fuq kollox, it-tlestija ta' Unjoni tal-Enerġija ġenwina teħtieġ **suq tal-enerġija integrat bis-sħiħ, b'qafas ta' governanza koeżiv** li jallinja l-oġġettivi nazzjonali u fil-livell tal-UE u jiżgura li d-deċiżjonijiet ta' rilevanza transfruntiera u tal-UE jittieħdu fil-livell it-tajjeb. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni se toħroġ **White Paper dwar integrazzjoni aktar profonda tas-suq tal-elettriku** sal-bidu tal-2026.

Barra minn hekk, il-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima (NECP, National Energy and Climate Plans) iridu jevolvu fi pjanijiet ta' investiment strateġiku li jrawmu l-prevedibbiltà tal-investiment, il-fiduċja tal-konsumatur, l-innovazzjoni u t-tkabbir tas-suq għal teknoloġiji nodfa. Il-Kummissjoni se tippromovi reviżjoni tar-Regolament dwar il-Governanza biex tissimplifika, issaħħaħ u timmodernizza l-**Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika**⁸⁴ biex l-Ewropa titħejja għall-qafas ta' politika dwar l-enerġija u l-klima għal wara l-2030. Barra minn hekk, inizjattivi reġjonali bħall-Inizjattiva ta' Kooperazzjoni Trans-Mediterranja dwar l-Enerġija u t-Teknoloġija Nadifa jista' jkollhom rwol fl-appoġġ tal-manifattura tat-teknoloġija nadifa.

Il-prezzijiet tal-enerġija jistgħu jvarjaw b'mod konsiderevoli bejn l-Istati Membri. Biex ittejjeb il-koordinazzjoni madwar l-Unjoni tal-Enerġija u ssaħħaħ il-governanza tas-sistema tal-elettriku, il-Kummissjoni se tistabbilixxi **Task Force għall-Unjoni tal-Enerġija**. It-Task Force, li se tikkonsisti minn rappreżentanti ta' livell għoli mill-Kummissjoni, il-korpi rilevanti tal-UE, l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati kif meħtieġ, se teżamina u tidentifika aġġustamenti tekniċi jew regolatorji, u se tirrapporta regolarment lill-President tal-Kummissjoni, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill tal-Enerġija u lill-Parlament Ewropew.

Biex tappoġġa din il-ħidma, il-Kummissjoni se ssaħħaħ l-**enfasi tagħha fuq il-valutazzjoni tal-implikazzjonijiet tal-inizjattivi rilevanti dwar l-affordabbiltà tal-enerġija għall-unitajiet domestiċi u għan-negozji**. L-eżitu tal-analiżijiet rilevanti – li jinvolvu kull meta jkun possibbli esperti esterni – se jkun rifless b'mod xieraq fil-valutazzjonijiet tal-impatt dwar inizjattivi leġiżlattivi ġodda u fir-rieżamijiet tal-leġiżlazzjoni eżistenti. Dan se jikkomplementa l-informazzjoni li l-Kummissjoni tippubblika regolarment dwar l-impatt tal-inizjattivi tagħha permezz ta' diversi rapporti bħar-Rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija⁸⁵ u r-rapporti dwar il-prezzijiet u l-kostijiet tal-enerġija.⁸⁶

Xiex	Unjoni tal-Enerġija kompluta
Kif	Il-Kummissjoni se:
	- tniedi Task Force għall-Unjoni tal-Enerġija;

⁸³ https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/green.html?lang=mt

⁸⁴ [Ir-Regolament \(UE\) 2018/1999 dwar il-governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika](#)

⁸⁵ Pereżempju, ir-[Rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija 2024](#) (COM(2024) 404 final)

⁸⁶ [Energy prices and costs in Europe - European Commission](#)

	- tippubblika White Paper dwar integrazzjoni aktar profonda tas-suq tal-elettriku; - tirrevedi r-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija; - tippreżenta Strateġija ta' Investiment għal Enerġija Nadifa, Programm Indikattiv Nukleari (PINC) aġġornat u Strateġija ta' Fużjoni; - tressaq Pjan ta' Azzjoni għall-Elettrifikazzjoni, Pjan Direzzjonali Strateġiku għad-Diġitalizzazzjoni u l-IA għas-Settur tal-Enerġija, u Strateġija għat-Tkessiħ u t-Tisħin.
Meta	2025: Task Force għall-Unjoni tal-Enerġija, Strateġija ta' Investiment għal Enerġija Nadifa u PINC. Sa nofs l-2027 għall-inizjattivi l-oħra.
Impatt	Integrazzjoni aktar profonda tas-suq tal-elettriku permezz tat-tnedija ta' djalogu dwar l-evoluzzjoni futura tas-suq u l-ħolqien ta' Task Force dwar l-Unjoni tal-Enerġija. Il-prevenzjoni ta' żidiet qawwija fil-kostijiet tas-sistema sa EUR 103 biljun sal-2040 jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni.⁸⁷ Tingħata spinta lill-investiment u jitnaqqsu l-kostijiet billi jitnaqqsu l-kapital, jiġifieri jitnaqqsu r-riskji potenzjali assoċjati mal-investimenti, jittaffu l-piż amministrattiv għall-ippjanar u r-rapportar, u jittejjbu l-koordinazzjoni tal-Istati Membri fl-istabbiliment tal-politika, filwaqt li jiġu żgurati ċ-ċertezza tal-investiment għall-2040 li jagħmlu l-NECPs verament pjanijiet ta' investiment. L-aċċellerazzjoni tal-elettrifikazzjoni b'40 % fl-2030⁸⁸, l-ingranaġġ tal-flessibbiltà mill-elettrifikazzjoni tas-setturi tas-sħana, tat-trasport u tal-idroġenu tista' ġġib iffrankar annwali tal-kostijiet tas-sistema tal-enerġija ta' EUR 32 biljun fl-2030.⁸⁹ L-iċċarġjar bidirezzjonali tal-EV waħdu jista' jiffranka EUR 9,7 biljun.⁹⁰ Tittejjeb l-effiċjenza tat-tisħin u t-tkessiħ billi jiżdied l-irkupru tas-sħana, l-użu mill-ġdid u l-użu tal-pompi tas-sħana. L-espansjoni tal-irkupru tas-sħana mormija fil-proċessi industrijali u fis-servizzi tal-enerġija tista' ttejjeb l-effiċjenza tas-sistema u tnaqqas il-kostijiet. Adozzjoni usa' tal-pompi tas-sħana u effiċjenza aħjar fid-djar jistgħu jnaqqsu l-infiq fuq l-importazzjoni tal-fjuwils fossili b'EUR 60 biljun sal-2030, filwaqt li jnaqqsu d-domanda fuq trasportaturi oħra tal-enerġija u jistabbilizzaw il-prezzijiet. Tiġi ingranata d-diġitalizzazzjoni biex jitnaqqsu l-kostijiet tas-settur tal-enerġija,⁹¹ filwaqt li tingħata spinta lill-effiċjenza bi ffrankar stmat ta' 5 % fl-operazzjonijiet u l-manutenzjoni, 5 % fl-output tal-elettriku u 5 % fit-telf tan-network.⁹²

Pilastru III: L-attrazzjoni tal-investiment u l-iżgurar tal-kunsinna

Unjoni tal-Enerġija ġenwina bbażata fuq enerġija domestika nadifa u affordabbli għall-konsumaturi Ewropej kollha teħtieġ investiment sostanzjali matul id-deċennju li ġej u

⁸⁷ [Redispatch and Congestion Management](#); Iċ-Ċentru Kongunt tar-Riċerka, Mejju 2024

⁸⁸ Mill-2024, l-elettriku jirrappreżenta madwar 23 % tal-konsum finali tal-enerġija tal-Unjoni Ewropea. 32-33 % sal-2030 huwa bbażat fuq l-immudellar tas-sistema tal-enerġija bl-użu ta' PRIMES u POTEnCIA. Il-konsum finali tal-enerġija użat biex tinkiseb il-medda jikkorrispondi għad-definizzjonijiet tal-Eurostat (*nrg_ind_fecf*), jiġifieri inklużi l-industrija, it-trasport, l-unitajiet domestiċi, is-servizzi, l-agrikoltura u s-sħana ambjentali mill-pompi tas-sħana, u esklużi l-bunkers tal-avjazzjoni u marittimi internazzjonali.

⁸⁹ [Mission Solar 2040: Europe's Flexibility Revolution](#); SolarPower Europe, Ġunju 2024

⁹⁰ [Potential of a full EV-power-system-integration in Europe](#); T&E mwettaq minn Fraunhofer ISE & ISI, Ottubru 2024

⁹¹ [Implications of digitalisation on future electricity market design](#); L-Istitut Oxford għall-Istudji dwar l-Enerġija, April 2023

⁹² [Strategic analysis and development plan design on digital transformation in the energy industry](#); Liu & Lu, 2021

governanza robusta. Huma meħtieġa tmexxija u impenn politiċi b'saħħithom u impenn inklużiv tal-atturi kollha tal-katina tal-valur tal-enerġija biex flimkien jitwettqu malajr dan il-Pjan ta' Azzjoni.

Azzjoni 6: L-istabbiliment ta' kuntratt tripartitiku għal enerġija affordabbli għall-industrija tal-Ewropa

L-inċertezza dejjem tikber tas-suq tista' toħloq sfidi sinifikanti għall-iżviluppaturi tal-proġetti u tista' ddewwem jew tiskoraġġixxi l-investimenti. Biex jiġġieldu dan, il-gvernijiet, il-produtturi tal-enerġija, u l-industriji li jikkunsmaw l-enerġija flimkien jistgħu joħolqu klima ta' investiment favorevoli għal sistema tal-enerġija affordabbli u sostenibbli u settur industrijali kompetittiv, filwaqt li jiżguraw iż-żamma u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, kif enfasizzat fid-Dikjarazzjoni ta' Antwerp.


- ❖ **Il-produtturi tal-enerġija nadifa jeħtieġu skala u ċertezza tad-domanda** biex jiżguraw ippjanar fit-tul, li jgħin sabiex jitnaqqsu r-riskji għall-investituri u l-kostijiet tal-proġetti. Din iċ-ċertezza tkun ta' benefiċċju wkoll għall-**manifatturi fil-katina tal-provvista**, pereżempju l-produtturi ta' substazzjonijiet jew kejbils għal proġetti tal-grilja, li jippermettulhom jinvestu f'kapaċitajiet ġodda ta' manifattura fl-Ewropa u joffru prezzijiet aktar baxxi. Dan jippermetti, pereżempju, lill-iżviluppaturi ta' proġetti tal-enerġija solari jew lil hinn mill-kosta fuq skala kbira jiżguraw il-ktajjen tal-provvista u jixtru b'kostijiet aktar baxxi.
- ❖ **L-industrija li tikkonsma l-enerġija**, u b'mod partikolari **l-industrija li tuża ħafna enerġija, teħtieġ ċertezza dwar il-provvista u l-prezzijiet tal-enerġija** biex tippjana l-produzzjoni tagħha u tiegħu deċiżjonijiet ta' investiment li jiddeterminaw it-trasformazzjoni tagħhom. Pereżempju, l-industrija tal-azzar teħtieġ ċertezza fit-tul dwar il-provvista tal-elettriku u l-prezzijiet biex tinvesti fl-elettrifikazzjoni tal-proċessi tal-produzzjoni. Min-naħa tagħha, l-industrija li tuża ħafna enerġija tista' tipprovd i ċertezza tal-bejgħ lill-produtturi tal-enerġija billi tidħol f'kuntratti fit-tul.
- ❖ **L-UE u l-gvernijiet tal-Istati Membri jistgħu jnaqqsu r-riskji permezz ta' oqfsa regolatorji stabbli u miżuri biex jiffaċilitaw l-investimenti.** Il-kisba ta' din il-**prevedibbiltà** għall-iżviluppaturi tal-proġetti u għall-ktajjen tal-provvista tikkontribwixxi għat-tneħħija tar-riskji għall-investimenti u għat-tnaqqis tal-kostijiet għan-negozji u għall-unitajiet domestiċi. Dan jista' jsir, pereżempju, **billi jittieħed impenn għal skeda ta' żmien aktar fit-tul, affidabbli u granulari tal-irkantijiet** għal proġetti tal-enerġija nadifa u billi wieħed jibbaża fuq **disinji ta' offerti ta' appoġġ** li jirriflettu l-**prinċipji** tal-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti għar-reżiljenza, is-sigurtà u s-sostenibbiltà.

F'dak ir-rigward, l-esperjenza tal-Karta dwar l-Enerġija mir-Riħ⁹³ u l-Karta Solari⁹⁴ wrew il-valur miżjud tat-tlaqqiġ flimkien tal-atturi istituzzjonali u ekonomiċi biex isiru passi deċiżivi fil-bini ta' katina tal-valur kompetittiva f'setturi ewlenin tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa.

Filwaqt li jibni fuq dawn l-esperjenzi, **Kuntratt Tripartitiku usa' għall-Enerġija Affordabbli jista' jiġbor flimkien dawn l-impenji** u joħloq klima ta' investiment li tappoġġa l-produzzjoni kosteffettiva tal-enerġija, il-provvista affidabbli tal-enerġija, u tkabbir ekonomiku fit-tul għall-partijiet ikkonċernati kollha.

⁹³ [Il-Karta Ewropea dwar l-Enerġija mir-Riħ](#)

⁹⁴ [Il-Karta Solari Ewropea](#)



Illustrazzjoni 4. Kuntratt Tripartitiku għal enerġija affordabbli għall-industrija tal-Ewropa

Xiex	Kuntratt tripartitiku għal enerġija affordabbli bejn is-settur pubbliku, inklużi l-istituzzjonijiet finanzjarji, l-iżviluppaturi tal-enerġija nadifa u l-industrija li tikkonsma l-enerġija.
Kif	Kuntratt tripartitiku wiesa' se: - iġib prevedibbiltà u skalar għall-ġeneraturi tal-enerġija, li se jkollhom off-taker sigur għall-produzzjoni tagħhom, u għax-xerrejja tal-enerġija, li jistgħu jibbenefikaw minn provvista tal-enerġija affordabbli u stabbli; - jappoġġa l-mudelli tan-negozju tas-settur, bis-saħħa tal-appoġġ mogħti mill-Kummissjoni, il-BEI u l-Istati Membri li se jippermettilhom inaqqsu l-investment u jikbru. Dan ikun jinkludi kuntratti settorjali għal ċerti setturi (eż. l-idroġenu, il-fjuwils sintetiċi, il-batteriji, l-enerġija eolika lil hinn mill-kosta, solari, il-grilji).
Meta	2025
Impatt	Jiżdiedu t-trasparenza, il-viżibbiltà u ċ-ċertezza għall-produtturi u għall-industrija li tikkonsma l-enerġija, jiġu appoġġati d-deċiżjonijiet ta' investment u jitnaqqsu l-kostijiet u l-prezzijiet tal-enerġija

Pilastru IV: Inkunu lesti għal kriżijiet enerġetiċi potenzjali

Il-kriżi enerġetika reċenti, l-aktar severa li qatt rat l-Ewropa s'issa, enfasizzat l-importanza tal-koordinazzjoni fil-livell tal-UE fil-ġestjoni taż-żidiet qawwija fil-prezzijiet fis-suq intern. Sabiex tiżdied ir-reżiljenza fid-dawl ta' kwalunkwe kriżi enerġetika futura possibbli, l-Istati Membri jeħtieġu għodod għal azzjoni effettiva u l-qafas tas-sigurtà tal-provvista jeħtieġ li jissaħħa, li jinkorpora t-tagħlimiet meħuda mill-iżviluppi reċenti.

Azzjoni 7: L-iżgurar tas-sigurtà tal-provvista għall-istabbiltà tal-prezzijiet

Provvisti stabbli tal-enerġija huma kritiċi għar-reżiljenza ekonomika, l-aċċess kontinwu għal enerġija affordabbli u l-evitar ta' volatilità estrema tal-prezzijiet. L-interruzzjonijiet fil-provvisti tal-enerġija kkawżati minn tensjonijiet ġeopolitiċi, attakki ċibernetiċi, attakki intenzjonati jew avvenimenti estremi tat-temp jheddu l-affordabbiltà. Huwa meħtieġ qafas regolatorju ġdid biex tiżdied ir-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija tal-UE u tiġi limitata l-volatilità tal-prezzijiet tal-enerġija.

Xiex	Il-kontribut għall-istabbiltà tal-prezzijiet permezz ta' qafas għas-sigurtà tal-enerġija li jqis dak li tgħallimna matul il-kriżi enerġetika
Kif	Il-Kummissjoni se tressaq proposta leġiżlattiva għal reviżjoni tal-qafas regolatorju attwali tal-UE għas-sigurtà tal-enerġija
Meta	Kmieni fl-2026
Impatt	Disponibbiltà aħjar tal-provvisti tal-enerġija f'kull ħin u preparatezza aħjar għall-perjodi ta' stress fil-provvista jistgħu jgħinu biex titnaqqas il-volatilità tal-prezzijiet u jitbaxxew il-prezzijiet

Azzjoni 8: Preparatezza għall-kriżijiet tal-prezzijiet

Id-Direttiva dwar l-Elettriku u d-Direttiva dwar il-Gass fihom dispożizzjonijiet li jippermettu lill-Kunsill jiddikjara kriżi fil-prezzijiet wara proposta mill-Kummissjoni meta jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet ta' kriżi eċċezzjonali. F'dawn is-sitwazzjonijiet, it-tnaqqis fid-domanda f'ċerti sigħat għandu rwol ċentrali fil-mitigazzjoni tal-effetti tal-kriżijiet enerġetiċi. Barra minn hekk, barra mill-perjodi ta' kriżi, **skemi biex titnaqqas id-domanda massima fejn il-konsumaturi jitħallsu mill-fornitur tagħhom sabiex inaqqsu l-konsum f'ċerti sigħat** diġà jistgħu jiffasslu u jiġu attivati llum. L-esperjenza f'diversi Stati Membri turi li matul perjodi eċċezzjonali ta' stress tas-sistema u prezzijiet għoljin, il-konsumaturi huma lesti li volontarjament inaqqsu d-domanda.

Xiex	L-evitar tal-ogħla livelli tal-prezzijiet matul il-kriżijiet enerġetiċi
Kif	Gwida tal-Kummissjoni lill-Istati Membri dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' skemi biex titnaqqas id-domanda massima billi jiġu introdotti inċentivi ta' remunerazzjoni għall-konsumaturi. L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni (TSOs, transmission system operators) jintroduċu u jattivaw miżuri biex inaqqsu d-domanda għall-enerġija fis-sigħat tad-domanda massima u jċaqilqu d-domanda għal punt aktar tard.
Meta	Għaddejja u li għandha tiġi varata matul żidiet qawwija fil-prezzijiet/perjodi ta' stress tas-sistema
Impatt	Prezzijiet aktar baxxi matul perjodi tad-domanda massima tal-enerġija, tnaqqis fil-volatilità tal-prezzijiet u kontroll tal-kontijiet finali tal-enerġija

It-tieni, għal każijiet fejn it-tfixkil jew il-konġestjoni **fin-network** itellfu serjament il-flussi tal-enerġija, hija meħtieġa kooperazzjoni mill-qrib mat-TSOs u mal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali biex **jiddiedu temporanjament il-kapaċitajiet ta' interkonnnessjoni transfruntiera disponibbli f'ċerti sitwazzjonijiet** (eż. kriżi tal-prezzijiet reġjonali kif jidher fl-2024 fix-Xlokk tal-Ewropa), filwaqt li jiġi żgurat li l-enerġija tilħaq iż-żoni l-aktar affettwati. **Il-qtugħ minħabba manutenzjoni jeħtieġ li jiġi kkoordinat kif xieraq** fis-suq intern tal-enerġija sabiex jiġu evitati impatti bla bżonn ta' tali qtugħ fuq Stati Membri ġirien.

Xiex	Żieda fl-aċċess transfruntier għal elettriku rħis
Kif	Ħidma mat-TSOs u mal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali biex jiġi żgurat żidiet temporanji tal-kapaċitajiet transfruntiera disponibbli f'ċerti sitwazzjonijiet u koordinazzjoni u ppjanar xieraq tal-qtugħ minħabba manutenzjoni bejn il-fruntieri biex jiġu evitati restrizzjonijiet fil-fluss tal-elettriku
Meta	Meta jkun meħtieġ, eż. f'ċerti kriżijiet tal-prezzijiet reġjonali
Impatt	L-iżgurar li l-kummerċ transfruntier tal-elettriku jiġi massimizzat f'sitwazzjonijiet ta' kriżi biex jittaffew iż-żidiet qawwija fil-prezzijiet lokali fi swieq partikolari

Fl-aħħar nett, peress li l-gass naturali huwa mistenni b'mod ġenerali li jibqa' l-istabbiliment ewlieni tal-prezzijiet għall-elettriku fis-snin li ġejjin fl-UE, il-Kummissjoni tinsab lesta li tappoġġa lill-Istati Membri meta jfasslu miżuri ta' għajjuna mill-Istat, biex tagħtihom is-setgħa sabiex jindirizzaw żidiet estremi fil-prezzijiet u ambjenti eċċezzjonali tal-prezzijiet biex jiddiżakkoppjaw it-traduzzjoni tal-prezzijiet għoljin tal-gass fil-prezzijiet tal-elettriku, abbażi ta' mudelli ppruvati f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

5. KONKLUŻJONIJIET U T-TRIQ 'IL QUDDIEM

Il-Pjan ta' Azzjoni għall-Enerġija Affordabbli jistabbilixxi tmien miżuri konkreti fuq terminu qasir biex **iwassal Unjoni tal-Enerġija ġenwina għall-kompetittività, l-affordabbiltà, is-sigurtà u s-sostenibbiltà**. It-tweġġ ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni trasformativ se jirrikjedi l-involviment tal-atturi kollha: (i) il-koordinazzjoni tal-UE bl-appoġġ strumentali tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, biex jiġi żgurat qafas leġiżlattiv effettiv u prammatiku; (ii) il-kooperazzjoni soda tal-Istati Membri biex jimplimentaw l-azzjonijiet fuq il-post u jiżguraw li jitwassal il-potenzjal sħiħ tal-pjan għaċ-ċittadini; (iii) l-inklużjoni attiva tal-partijiet ikkonċernati: l-industrija u n-negozji tagħna, il-ħaddiema tagħna, l-innovaturi tagħna u ċ-ċittadini tagħna; u (iv) l-involviment fl-oġġla livell politiku permezz ta' Task Force għall-Unjoni tal-Enerġija.

Il-Kummissjoni se timplimenta, timmonitorja u tirrapporta dwar il-progress lejn it-tweġġ tal-Pjan ta' Azzjoni fir-rapporti futuri dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija. Il-Kummissjoni se tinforma regolarmet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-Enerġija tal-ministri dwar il-progress u se tiddiskuti l-impatti.

L-isfidi li qed niffaċċjaw huma sinifikanti. Iżda l-istess jgħodd għall-punti b'saħħithom tagħna. Flimkien, bnejna grilji reżiljenti u l-aktar network tal-enerġija integrat fid-dinja. Alimentajna bażi tal-manifattura b'saħħitha, forza tax-xogħol b'ħiliet għolja, teknoloġiji avvanzati u qafas regolatorju b'saħħtu. Żammejna sod u mxejna 'l quddiem fi triqitna lejn id-dekarbonizzazzjoni, niddiżakkoppjaw it-tkabbir ekonomiku tagħna mill-emissjonijiet tagħna tas-CO₂ u nuru tmexxi fit-tranżizzjoni globali tal-enerġija. **Dawn il-punti b'saħħithom jagħmluha possibbli li jiġu indirizzati l-isfidi li l-Ewropa qed tiffaċċja bħalissa.**

Ir-raġunijiet għaliex qed nindirizzaw dawn l-isfidi huma ċari. L-enerġija hija l-pedament tal-ekonomija tagħna u tas-soċjetà tagħna. Tirrappreżenta frazzjoni żgħira tan-nefqa tagħna tal-PDG,^{95,96} iżda tmexxi l-ekonomija kollha kemm hi. Tmexxi l-ferroviji li jittrasportawna,

⁹⁵ In-nefqa tal-gvernijiet tal-UE fuq l-enerġija tirrappreżenta biss 1,1 % tan-nefqa tagħna fuq il-PDG

(https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Government_expenditure_on_economic_affairs)

⁹⁶ Bħala medja fl-2000-2021, l-importazzjonijiet grossi tal-fjuwils fossili kienu jirrappreżentaw madwar 20 % tal-importazzjonijiet totali tal-merkanzija, ekwivalenti għal 2,8 % tal-PDG tal-UE (abbażi tad-data kummerċjali

issaħħan id-djar li ngħixu fihom, u tattiva l-magni li jagħmlu l-oġġetti li nużaw kuljum. Hija wkoll waħda mill-pedamenti tal-UE tagħna, minn żmien meta l-faħam u l-azzar kienu l-pilastri tar-rikostruzzjoni tal-Ewropa – hija appoġġat it-tkabbir tal-ekonomija tagħna u tejbet il-ħajja ta' kuljum tal-Ewropej minn dak iż-żmien 'l hawn.

Il-ġenerazzjoni tal-enerġija u l-integrazzjoni tas-swieq tal-enerġija tagħna minn dejjem kienu fundamentali għall-**unità Ewropea**. Mill-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar sal-iżvilupp tal-Unjoni tal-Enerġija, l-enerġija kienet **kruċjali għall-istabbiltà ekonomika tagħna u mutur tal-integrazzjoni tal-UE**. Iggwidat mill-**Boxxla għall-Kompetittività**, u b'appoġġ għall-**Patt għal Industrija Nadifa**, dan il-**Pjan ta' Azzjoni għall-Enerġija Affordabbli** se jippermettilna nibnu fuq il-punti b'saħħithom tagħna, u b'hekk inkunu nistgħu nisfruttaw il-**valur reali tal-Unjoni tal-Enerġija tagħna** u nafferimaw mill-ġdid l-impenn tal-UE għal tranżizzjoni tal-enerġija inklużiva **fejn l-ebda individwu jew komunità ma jitħallew lura**.

ANNEX I: SOMMARJU TAL-AZZJONIJIET U L-ISKEDA TA' ŻMIEN

Xiex	Meta	Minn min
Pilastru I: Tnaqqis tal-kostijiet tal-enerġija		
Azzjoni 1: Il-kontijiet tal-elettriku jsiru aktar affordabbli		
More efficient network charges to reduce energy system costs Tariffi tan-network aktar effiċjenti biex jitnaqqsu l-kostijiet tas-sistema tal-enerġija	T2 2025	KE, SM, NRAs
Tassazzjoni aktar baxxa fuq l-elettriku u t-tneħħija ta' komponenti tal-kost mhux tal-enerġija mill-kontijiet	Mill-adozzjoni T4 2025 (Rec.)	SM, bl-appoġġ tal-KE
Il-konsumaturi jkunu jistgħu jaqilbu għal fornituri tal-enerġija orħos filwaqt li jindirizzaw il-faqar enerġetiku	T3 2025	KE, SM, NRAs
Azzjoni 2: Tnaqqis tal-kost tal-provvista tal-elettriku		
Id-diżakkoppjament tal-kontijiet tal-elettriku bl-imnut mill-prezzijiet għoljin u volatili tal-gass	T2 2025 (BEI) u T4 2025 (Gwida tas-CfD)	KE, BEI, SM
Tnaqqis tal-ħinijiet għall-ħruġ ta' permessi għal tranżizzjoni aċċellerata tal-enerġija	Mill-adozzjoni u matul l-2025-2026	KE, SM, awtoritajiet nazzjonali kompetenti
Jaċċelleraw l-espansjoni, il-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-grilji	T1 2026	KE, SM, TSOs
Żieda fil-flessibbiltà tas-sistema permezz tal-użu tal-ħżin u tar-rispons tad-domanda	Mill-adozzjoni T2 2025 (Għajnuna mill-Istat FWK)	KE, SM

tal-Eurostat għall-kodiċi NM 27). [Ir-Rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt li jakkumpanja l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-mira klimatika tal-Ewropa għall-2040](#) (SWD(2024) 63 final, parti 3/5)

	T1 2026 (NC DR)	
Gwida dwar il-promozzjoni tar-rimunerazzjoni tal-flessibilità fil-kuntratti bl-immnut	T4 2025	KE, SM
Azzjoni 3: It-titjib tas-swieq tal-gass għal prezzijiet ġusti tal-enerġija		
L-iżgurar ta' kompetizzjoni ġusta fis-swieq tal-gass	T4 2025	KE, SM, ACER, ESMA, NRAs
L-isfruttament tal-kapaċità tal-akkwist tal-UE biex tinkiseb l-aħjar offerta mill-gass naturali importat	T1-T2 2025	KE ma' sħab internazzjonali
Azzjoni 4: Effiċjenza enerġetika: it-twassil tal-iffrankar tal-enerġija		
Suq effiċjenti ta' dimensjoni Ewropea	T3-T4 2025	KE, BEI, istituzzjonijiet finanzjarji, industrij tal-EE
Il-konsumaturi jingħataw aċċess għal apparati u prodotti aktar effiċjenti b'ħajja itwal	Mill-adozzjoni	KE, SM, sorveljanza tas-suq nazzjonali u awtoritajiet doganali
Pilastru II: Il-bini ta' Unjoni tal-Enerġija ġenwina		
Azzjoni 5: Tlestija tal-Unjoni tal-Enerġija		
It-Tnedija ta' Task Force għall-Unjoni tal-Enerġija	2025	KE, SM, korpi rilevanti tal-UE, esperti
L-indirizzar tad-diskrepanza fl-investiment u l-mobilizzazzjoni tal-kapital privat	T2 2025	KE, BEI, InvestEU
Il-bini ta' suq tal-enerġija aktar integrat	2026 sa nofs l-2027	KE, SM, PE u partijiet ikkonċernati KE
L-ġħoti ta' ċertezza tal-investiment u reġim ta' governanza simplifikat għal Unjoni tal-Enerġija robusta		KE, SM
Żieda fl-elettrifikazzjoni		KE
Żieda fid-diġitalizzazzjoni u l-użu tal-IA fis-settur tal-enerġija		KE, SM
Id-dekarbonizzazzjoni u l-integrazzjoni tas-settur H&C li jippermetti s-sostituzzjoni tal-gass		
Pilastru III: L-attrazzjoni tal-investiment u l-iżgurar tal-kunsinna		
Azzjoni 6: Kuntratt tripartitiku għal enerġija affordabbli għall-industrija tal-Ewropa		
Kuntratt tripartitiku għall-enerġija affordabbli	2025	KE, SM, BEI, il-produtturi tal-enerġija u l-industrija
Pilastru IV: Inkunu lesti għal kriżijiet enerġetiċi potenzjali		
Azzjoni 7: Sigurtà tal-provvista għall-istabbiltà tal-prezzijiet		
Il-kontribut għall-istabbiltà tal-prezzijiet permezz ta' qafas ta' sigurtà tal-enerġija adattat għall-iskop tiegħu	Kmieni fl-2026	KE
Azzjoni 8: Preparazzjoni għall-kriżijiet tal-prezzijiet		
L-evitar tal-ogħla livelli tal-prezzijiet matul il-kriżijiet enerġetiċi	Matul il-kriżijiet enerġetiċi	KE, SM, TSOs

Access transfruntier akbar għal elettriku affordabbli	Matul il-kriżijiet enerġetiċi	KE, NRAs, TSOs
---	-------------------------------	----------------